MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 176/1987/2

**Anthony Mifsud**

**v.**

**Supretendent Carmelo Bonello, Supretendent Joseph Psaila, u Kummissarju tal-Pulizija, u d'digriet tat-12 ta' Ottubru 1988 gie msejjah fil-kawza Dr. Lawrence Pullicino, u b'digriet tas-17 ta' Dicembru 1998 gie kjamat fir-rikors Anthony Mifsud Tommasi, u b'digriet tal-15 ta' Marzu 1998 il-kjamat fir-rikors Anthony Mifsud Tommasi gie estromes minn din il-procedura**

**Il-Qorti:**

**I <u>Preliminari: Is-Sentenza Appellata</u>**

1. Rat ir-rikors ipprezentat minn Anthony Mifsud quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Mejju 1987, liema rikors jghid hekk:
"Illi l-esponent, ex-P.C. 1810, kien gie arrestat fil-11 ta' Gunju 1982 filghodu u tressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta fil-15 ta' Gunju 1982 wara nofsinhar. Huwa gie akkuzat b'korruzzjoni u komplicita` fil-harba mill-Habs Civili ta' zewg prigunieri, Louis Bartolo u Ahmed Khalil Habib.

"Illi bejn li gie arrestat u li tressaq il-Qorti, aktar minn mitt siegha wara, l-esponent gie ttorturat mill-intimati Supretendenti Carmelo Bonello u Joseph Psaila u ohrajn, subalterni taghhom. Huwa gie msawwat bla hniena u fit-tul, bis-sieq, bil-ponn u b'nerv, u spicca ma jistax jiekol, u anke jisghol id-demm.

"Illi barra l-vjolenza fizika, l-esponent gie mhedded b'*revolver* ma' rasu biex jiffirma konfessjoni.

"Illi b'dan il-mod gie vjolat fil-konfront tal-esponent id-dritt fundamentali tieghu li ma jigix assoggettat ghal piena jew trattament inuman u degredanti skond l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Illi barra dan, l-arrest tal-esponent mill-11 sal-15 ta' Gunju 1982 jivvjola d-dritt fundamentali tal-esponent ghal protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja skond l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq dak li hemm provdut fl-Artikolu 34 u 36 tal-Kostituzzjoni; fosthom billi tiddikjara lill-intimati hatja ta' trattament inuman u degredanti bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u hatja ta' arrest jew detenzjoni arbitrarja bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tiffissa l-kumpens skond l-Artikolu 34(4) tal-Kostituzzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tas-Supretendent Joseph Psaila li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tiehu konjizzjoni tar-rikors tar-rikorrent *ai termini* ta' l-Artikolu 46 sub-inciz (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta *stante* li r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju ghall-pregudizzju li qed jallega li sofra. Illi infatti l-Artikolu 46 u l-artikoli l-ohra tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-*human rights* ma gew mahsubin biex, taht pretest ta' lezjoni attwali jew minaccjata ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, wiehed jinjora u jevita l-mezzi u rimedji procedurali normali, u minflok jadixxi din il-Qorti fil-gurisdizzjoni lilha specjalment fdata mill-Kostituzzjoni (*vide* App. Kost. **S. Seychell vs A Grech pro et noe** deciz 10 ta' April 1967 u **V. Spiteri vs Onor Ministru et** deciz 31 ta' Awwissu 1977). Fil-konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-posizzjoni hija simili peress li qabel mal-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tiehu konjizzjoni tal-kaz din trid tkun sodisfatta skond l-Artikolu 26 ta' l-istess konvenzjoni illi r-rimedji kollha provduti skond il-ligi tal-pajjiz koncernat ikunu gew ezawriti (*vide* decizjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-ammissibbilta` ta' applikazzjoni: numri 5727/72 u 5744/72, 5857/72, 8064/77, 8183/78, 8211/78, 8334/78 u 9478/81).

"Illi rigward l-allegat arrest illegali r-rikorrent naqas li jitlob ir-rimedju tal-*habeas corpus ai termini* tal-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali. Huwa wkoll naqas li jitlob rimedji ohra skond l-istess Kodici Kriminali ghall-allegazzjonijiet l-ohra rigwardanti vjolenza. Rigward il-kumpens mitlub l-ebda kawza ghad-danni skond il-Kodici Civili mir-rikorrent ma saret, liema azzjoni llum tinsab f'kull kaz preskritta. Dawn ir-rimedji provduti skond il-ligi Maltija huwa kemm adegwati u effettivi sabiex jipprotegu u jikkompensaw lir-rikorrenti (jekk ikun il-kaz) u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jissorvola dawn ir-rimedji u jirrikorri fl-ewwel lok f'sede Kostituzzjonali u dan *di piu`* meta jkun ghadda daz-zmien kollu.

“2. Illi fost affarijiet ohra jigi rilevat illi r-rikorrent meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-ewwel darba, f’ebda mument ma gibed l-attenzjoni tal-Qorti jew allega li huwa gie trattat hazin mill-Pulizija. Jigi rilevat ukoll li dik il-Qorti ma kienetx hasset in-necessita` li *ex officio* tappunta xi esperti sabiex jikkonstataw l-istat fiziku tal-akkuzat rikorrent odjern. *Inoltre* dan ir-rikors sar illum u cioe` hames snin wara l-allegata vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni. Dan huwa sintomatiku tan-nuqqas ta’ bazi fl-allegazzjonijiet tar-rikorrent peress illi f’allegazzjonijiet tant serji wiehed kien certament jistenna li jitqajmu immedjatament kif ikunu graw kieku kienu veri u mhux wara tant zmien.

“3. Illi fil-konfront tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija ma hemm fir-rikors ebda allegazzjoni ta’ att li jista’ jaghti lok ghat-talba ghal dikjarazzjoni ta’ ksur tal-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni u l-istess esponent jichad li huwa b’xi mod kiser il-Kostituzzjoni.

“4. Illi l-esponent Supretendent Joseph Psaila jichad kategorikament illi huwa haqar jew uza xi vjolenza fuq ir-rikorrent kif jinsab allegat fir-rikors u huwa f’kull kaz bl-ebda mod ma kiser il-Kostituzzjoni.

“5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent kontenuti fir-rikors tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.”

3. Rat ir-risposta tas-Supretendent Carmelo Bonello li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tiehu konjizzjoni tar-rikors tar-rikorrent *ai termini* ta’ l-Artikolu 46 sub-inciz (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta *stante* li r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-pregudizzju li qed jallega li sofra.

“Illi infatti l-Artikolu 46 u l-artikoli l-ohra tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-*human rights* ma gewx mahsuba biex taht pretest ta’ lezjoni attwali jew minaccjata ta’ drittijiet fundamentali tal-bniedem, wiehed jinjora u jevita l-mezzi u rimedji proceduralil normali, u minflok jadixxi din il-Qorti fil-gurisdizzjoni lilha specjalment fdata mill-Kostituzzjoni

(*vide* App. Kost. **“S. Seychell vs A Grech pro et noe”** deciz 10 ta’ April 1967 u **“V. Spiteri vs Onorevoli Prim Ministru et”** deciz 31 ta’ Awwissu 1977).

“Fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-posizzjoni hija simili peress li qabel ma l-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tiehu konjizzjoni ta’ kaz din trid tkun, skond l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni, sodisfatta illi r-rimedji kollha provduti skond il-ligi tal-pajjiz koncernat ikunu gew ezawriti (*vide*: decizjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-ammissibbilta` ta‘ applikazzjoni numri 5727/72 u 5744/72, 5857/72, 8064/77, 8183/78, 8211/78, 8334/78 u 9478/81).

“Illi rigward l-allegat arrest illegali r-rikorrent naqas li jitlob ir-rimedju tal-*habeas corpus* provdut mill-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali, u naqas ukoll li jitlob rimedji ohra skond l-istess Kodici Kriminali ghall-allegazzjonijiet l-ohra tieghu rigwardanti vjolenza. Rigward il-kumpens mitlub ir-rikorrent naqas li jiehu azzjoni ghad-danni skond il-Kodici Civili liema azzjoni llum tinsab f’kull kaz preskritta.

“Dawn ir-rimedji provduti skond il-ligi Maltija huma kemm adegwati kif ukoll effettivi sabiex jipprotegu u jikkompensaw lir-rikorrent (jekk ikun il-kaz) u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jissorvola dawn ir-rimedji u jirrikorri fl-ewwel lok, f’sede Kostituzzjonali. Dan *di piu`* meta jkun ghadda daz-zmien kollu.

“2. Illi fost affarijiet ohra, jigi rilevat illi r-rikorrent meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-ewwel darba f’ebda mument ma gibed l-attenzjoni tal-Qorti jew allega li huwa gie trattat hazin mill-Pulizija. Jigi rilevat ukoll li dik il-Qorti ma kienetx hasset in-necessita` li *ex officio* tappunta xi esperti sabiex jikkonstataw l-istat fiziku tal-akkuzat, ir-rikorrent odjern.

“Inoltre dan ir-rikors sar illum u cioe` hames snin wara l-allegat vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni. Dan huwa sintomatiku tan-nuqqas ta’ bazi fl-allegazzjonijiet tar-rikorrent peress illi f’allegazzjonijiet tant serji wiehed kien certament

jistenna li jitqajmu immedjatament kif ikunu graw kieku kienu veri u mhux wara tant zmien.

“3. Illi l-esponent is-Supretendent Carmelo Bonello jichad kategorikament illi huwa haqar jew uza xi vjolenza fuq ir-rikorrent kif jinsab allegat fir-rikors, u huwa f’kull kaz bl-ebda mod ma kiser il-Kostituzzjoni.

“Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent kontenuti fir-rikors tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.”

4. Rat li b’digriet moghti fit-12 ta’ Ottubru 1988, l-ewwel Qorti ordnat li jissejjah fil-kawza *ex*-Kummissarju tal-Pulizija Dr. Lawrence Pullicino:

5. Rat ir-risposta li ressaq l-imsemmi Dr. Lawrence Pullicino li in forza taghha ecepixxa illi:

“1. Illi hu gie kjamat in kawza inutilment ghax hu ma kien involut bl-ebda mod fl-interrogatorju u trattament li allegatament inghata lir-rikorrent billi meta dan gie arrestat hu kien jinsab imsiefer minn dawn il-gzejjer, u, meta gie lura la qatt interroga lir-rikorrent u inqas sawwat, hedded jew kien hati ta’ xi trattament inuman jew degredanti fil-konfront tar-rikorrent.

“2. Ghalhekk hu jitlob li jigi liberat mill-osservanza bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.”

6. Rat ir-risposta ulterjuri mressqa mis-Supretendent Carmel Bonello li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi kif jirrizulta min-Nota ta’ Osservazzjonijiet tar-rikorrenti, l-allegati fatti graw fil-1982;

“Illi l-kawza odjerna giet intavolata wara prezentata ta’ ittra ufficjali fit-28 ta’ Gunju 1985;

“Illi anke t-talba kontenuta f’dan ir-rikors hija soggetta ghall-preskrizzjoni ghaliex il-preskrizzjoni hija estinzjoni

tad-dritt ta' azzjoni illi ma tistax tigi pperpetwata *ad infinitum* jekk ma jigux segwiti l-proceduri kollha legali. Titqies ukoll illi hija rinunzja ta' dak id-dritt jekk il-parti ma tagixxix;

"Peress illi l-azzjoni f'dan il-kaz hija preskritta bid-dekors ta' zmien sentejn mill-allegati fatti. Ir-rikorrent ma jistax jakkampa illi huwa seta' jagixxi biss meta gie liberat mill-akkuzi kriminali. Jekk huwa qed jaghmel allegazzjonijiet illi kienu jirreferixxu ghal zmien passat seta' kkawtela ruhu bl-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kif provdut fil-Kodici ta' Procedura Civili illi ghalih taghmel riferenza certament il-procedura taht il-Kostituzzjoni peress li din ma tirrimettijiex ghal xi Tribunal differenti, imma tirriferiha fl-ewwel lok ghall-Qorti Civili Prim Awla u fit-tieni lok ghall-Qorti ohra stabbilita u li ghaliha hija applikabbli wkoll l-istess Ligi tal-Procedura;

"Illi kieku kellha ssir preskrizzjoni itwal dwar "danni morali" akbar minn dak li hemm stabbilit fil-kazi ordinarji, u dan b'semplici interpretazzjoni u mhux tassativament imwieghed fil-Ligi, ikun hemm lezjoni tad-drittjiet tal-intimat illi jkun qieghed isib ruhu f'posizzjoni zvantaggjata illi d-drittijiet tieghu ma jkunux adegwatament salvagwardati."

7. Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Ottubru 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:

"……billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati kollha kif kontenuti fir-risposti rispettivi taghhom, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** b'dan illi tiddikjara:-

"1. Illi l-intimati vvjolaw id-dritt fundamentali tar-rikorrent li ma jigix assoggettat ghall-piena jew trattament inuman jew degredanti *ai termini* ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni; kif ukoll.

"2. Illi l-istess intimati vvjolaw id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja *ai termini* ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni;

“3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent ghall-ksur tad-drittijet fundamentali tieghu fis-somma ta’ mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€186,349.87) ekwivalenti ghall-tmenin elf Lira Maltija (Lm80,000) u tikkundanna lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Carmelo Bonello, Joseph Psaila u Dr. Lawrence Pullicino *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lil Anthony Mifsud l-istess somma ta’ mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€186,349.87) ekwivalenti ghall-tmenin elf Lira Maltija (Lm80,000).

“Bl-ispejjez gudizzjarji kollha kontra l-istess intimati solidalment bejniethom u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.”

8. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**<u>(A) IL-KONTESTAZZJONI ODJERNA.</u>**

“**<u>(I) PRETENSJONIJIET TAR-RIKORRENTI.</u>**

“Illi din is-sentenza titratta rikors kostituzzjonali pprezentat minn Anthony Mifsud fis-26 ta’ Mejju 1987. Fir-rikors promotur Anthony Mifsud (ex-PC 1810) isostni li huwa gie arrestat fil-11 ta’ Gunju 1982 filghodu u tressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta’ Malta fil-15 ta’ Gunju 1982 wara nofsinhar. Dakinhar huwa gie akkuzat b’korruzzjoni u komplicita` fil-harba mill-Habs Civili ta’ zewg prigunieri, Louis Bartolo u Ahmed Khalil Habib.

“Illi bejn meta gie arrestat u li tressaq il-Qorti, ir-rikorrent jallega li gie ttorturat mill-intimati Supretendent Carmelo Bonello u Supretendent Joseph Psaila u subalterni taghhom. Huwa sostna li gie msawwat bla hniena, u fit-tul, bis-sieq, bil-ponn u b’nerv, u spicca ma jistax jiekol u anke jisghol id-demm.

"Illi barra l-vjolenza fizika huwa gie mhedded b'*revolver* ma' rasu biex jiffirma konfessjoni.

"Illi ghalhekk ir-rikorrenti jsostni li (1) gie vvjolat id-dritt fundamentali tieghu li ma jigix assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degredanti *ai termini* ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni; (2) gie vvjolat id-dritt fundamentali tieghu ghal protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja *ai termini* ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. B'hekk talab kumpens *ai termini* ta' l-Artikolu 34 (4) tal-Kostituzzjoni.

"**(II) RISPOSTA TAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA U SUPRETENDENT JOSEPH PSAILA.**

"Illi fir-risposta taghhom eccepew preliminarjament in-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji *ai termini* ta' l-Artikoli 46 (2) tal-Kostituzzjoni. Dan ghaliex ir-rikorrent naqas li jitlob ir-rimedju tal-*habeas corpus ai termini* tal-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali; *inoltre* rigward it-talba ghall-kumpens ma saritx kawza ghad-danni skond il-Kodici Civili liema azzjoni hija preskritta.

"Illi fil-mertu eccepew li r-rikorrent ma semma xejn dwar trattament hazin meta tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ukoll ir-rikors sar hames snin wara l-allegata vjolazzjoni u dan huwa sintomatiku tan-nuqqas ta' bazi fl-allegazzjonijiet tieghu ghax wiehed jistenna li kellhom jitqajmu immedjatament kif ikunu graw.

"Illi *inoltre* ghar-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija m'hemm ebda allegazzjoni fir-rikorsi li huwa kiser il-Kostituzzjoni; filwaqt li s-Supt. Joseph Psaila cahad kategorikament dak allegat fil-konfront tieghu.

"**(III) RISPOSTA TAL-EX SUPRENDENT CARMELO BONELLO.**

"Illi l-eccezzjonijiet tieghu huma l-istess bhal tal-Kummissarju tal-Pulizija u Supt. Psaila.

"**(IV) RISPOSTA TAL-KJAMAT IN KAWZA DR. LAWRENCE PULLICINO.**

"Illi dan iddefenda l-posizzjoni tieghu billi sostna li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li ma kien bl-ebda mod involut fl-interrogatorji u t-trattament li allegatament inghata r-rikorrent billi meta Anthony Mifsud gie arrestat huwa kien imsiefer, u meta gie lura ma kellux x'jaqsam xejn.

"**<u>(B) EZAWRIMENT TAR-RIMEDJI ORDINARJI.</u>**

"Illi l-intimati kollha, ad eccezzjoni ta' Dr. Lawrence Pullicino, eccepew li din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tiehu konjizzjoni tar-rikors *ai termini* ta' l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni *stante* li r-rikorrenti kellu mezzi xierqa ta' rimedju ghall-pregudizzju li qed jallega li sofra.

"Illi rigward l-allegat arrest illegali r-rikorrent naqas li jitlob ir-rimedju tal-*habeas corpus ai termini* tal-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali. Huwa naqas ukoll li jitlob rimedji ohra skond l-istess Kodici Kriminali ghall-allegazzjonijiet l-ohra rigwardanti vjolenza.

"Illi rigward il-kumpens mitlub l-ebda kawza ghad-danni skond il-Kodici Civili mir-rikorrent ma saret, liema azzjoni tinsab f'kull kaz preskritta. Dawn ir-rimedji kienu adegwati u effettivi u b'hekk ir-rikorrent ma setax jissorvola dawn ir-rimedji.

"Illi din il-kwistjoni giet diskussa diversi drabi fil-gurisprudenza. Bizzejjed ghalhekk hawnhekk issir referenza ghas-sentenza **"Melita Cable plc vs L-Avukat Generali et"** (Q.K. App Civ Nru:27/03 – 16 ta' Jannar 2006) u taghmel referenza ghall-principji hemm enuncjati.

"Illi relevanti ghall-kaz odjern hija s-sentenza **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. – 5 ta' April 1991). L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kienet sostniet li minn ezami akkurat tas-subinciz (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 (dak iz-zmien 47) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabilixxi bhala principju assolut fil-ligi Kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u

tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju *o meno* tal-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment.

“Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha sostniet li huwa evidenti li nfrazzjoni bhal dak ta’ arrest illegali jew vjolazzjoni minhabba trattament degredanti u inuman *“x’rimedji cari hemm jekk mhux f’azzjoni bhall-prezenti?”* Il-Qorti kompliet hekk:-

““U finalment – meta l-oggett in kawza jkun ta’ natura komplessa – u jkollu l-kwistjonijiet li ghandhom rimedju f’xi ligi ohra u ohrajn li m’ghandhomx rimedju hlief Kostituzzjonali – allura ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni”.

“Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent (jekk jinstab li fil-mertu ghandu ragun) certament ir-rimedju ordinarju li tipprovdi l-ligi ordinarja ma jistax jigi kkunsidrat bhala rimedju xieraq u adegwat. Dan ghaliex ir-rikorrent permezz ta’ dan ir-rikors qed ifittex rimedji ta’ gustizzja kommutativa u mhux rimedji ta’ gustizzja punittiva.

“Illi fi kwalunkwe kaz ghar-rigward ta’ l-argument ta’ l-intimati li r-rikorrent seta’ talab ir-rimedju tal-*habeas corpus* gie ppruvat li r-rikorrent fiz-zmien li kien mizmum id-*Depot* tal-Pulizija kif ukoll meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien sprovvist minn avukat. F’dan il-kuntest jinghad li l-kawza civili pprezentata ghad-danni hija min-natura taghha differenti mill-azzjoni Kostituzzjonali ta’ din ix-xorta u t-talba ta’ kumpens maghmula f’din il-procedura ma hijiex l-istess bhal dik ta’ danni mitluba f’kawza civili u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“**<u>(C) KSUR TAL-ARTIKOLU 34 DWAR PROTEZZJONI MINN ARREST JEW DETENZJONI ARBITRARJA.</u>**

“Illi l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li :

*““Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` personali tieghu hlief kif jista’ jkun awtorizzat b’ligi fil-kazijiet li gejjin,”*

“Illi l-Kostituzzjoni telenka tali ragunijiet li fosthom skond il-paragrafu (f) persuna tista’ tigi pprivata mil-liberta` personali taghha meta jkun hemm *‘suspett ragonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali’.*

“Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u b’mod aktar dettaljat dik ta’ Joseph Psaila sostnew li l-arrest tar-rikorrent sar peress li kien jissussisti suspett ragonevoli li huwa kkommetta reat.

“Illi min-naha tieghu r-rikorrent ma enfasizzax wisq dwar dan il-punt. Huwa ghadda biss kumment fis-sens li ma kienx hemm suspett ragonevoli li kkommetta reat u li l-Pulizija uzat l-arma *a tappeto* (cioe` li kull min kien ghassa sab ruhu arrestat u interrogat). Ir-rikorrent pero` ma insistix dwar dan il-punt.

“Illi din il-Qorti taqbel ma’ dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza msemmija fl-ismijiet **“Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”** li biex gudikant jiddeciedi b’mod ekwu ghal kulhadd, jekk il-pulizija f’kaz partikolari, kelliex jew le suspett ragonevoli li jintitolaha tarresta persuna, it-test li ghandu jigi applikat m’ghandux ikun dak oggettiv izda dak soggettiv. Fi kliem iehor, ghandu jigi applikat il-kriterju ta’ kif kienet tidher is-sitwazzjoni f’hin u post partikolari lill-ufficjal tal-pulizija ragonevoli u mhux il-kriterju ta’ kif kienet tidher is-sitwazzjoni li bniedem ragonevoli li jhares mill-boghod u *ex post facto* lejn il-fatti kollha li verament ezistew.

“Illi f’dan ir-rigward jinghad li meta Mifsud gie arrestat fil-bidu oggettivament jista’ jitqies li kien hemm suspett ragonevoli ghaliex Mifsud kien ikun *duty* fid-*division* fejn kienu mizmuma l-habsin li harbu; kif ukoll li l-istess rikorrent kien involut f’incident dwar ksur ta’ cavetta ghalkemm Mifsud jichad li kienet ta’ l-istess cella ta’

Bartolo. Izda dan is-suspett ragonevoli jrid jissussisti ghall-hin kollu li persuna tinzamm arrestata.

“Illi r-rikorrent jilmenta li huwa nzamm arrestat id-doppju ta’ dak li tippermetti l-Kostituzzjoni u cioe` tmienja u erbghin siegha (48). Dwar dan l-ilment l-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Psaila u Bonello jsostnu li r-rikorrent fiz-zmien rilevanti kien membru tal-Korp tad-Dejma li kien qed iwettaq id-doveri tieghu bhala membru tal-Korp tal-Pulizija. Dawn iz-zewg korpi huma korpi dixxiplinati skond kif huwa mfisser fl-Artikolu 47 (1) tal-Kostituzzjoni. B’hekk huma relevanti s-subincizi (5) u (6) tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni. Dawn jipprovdu :-

““(5) Dwar kull persuna li tkun membru ta’ korp dixxiplinat imwaqqaf skond xi ligi li tkun issehh f’Malta, ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorita` tal-ligi dixxiplinarja ta’ dak il-korp ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma’ jew bi ksur ta’ xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu li ma jkunux l-Artikoli 33, 35 u 36.

““(6) Dwar kull persuna li tkun membru ta’ korp dixxiplinat imwaqqaf xort’ohra milli kif intqal qabel u prezenti legalment f’Malta, ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorita’ tal-ligi dixxiplinarja ta’ dak il-korp ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma’ jew bi ksur ta’ xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu.”

“Illi b’hekk jargumentaw li skond il-Kostituzzjoni l-arrest ta’ membru ta’ korp dixxiplinat ghal perjodu li jeccedi t-48 siegha ma jivvjolax l-Aartikolu 34 sakemm l-arrest ikun sar skond il-ligi dixxiplinarja ta’ dak il-korp. Ir-rikorrent inzamm fid-*Depot* tal-Pulizija billi huwa gie trasferit skond l-**Ordinanza tal-Pulizija (Kap 164)** ta’ dak iz-zmien. B’hekk l-argument hu li kull ordni moghti mill-Kummissarju skond l-Ordinanza (inkluz allura ordni ta’ trasferiment) huwa ordni moghti skond ligi li tirregola d-dixxiplina ta’ korp dixxiplinat u allura jaqa’ taht id-deroga ghad-drittijiet protetti bl-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni.

“Illi rrizulta li tali argument intuza bhala linja difensjonali mill-prosekuzzjoni ghar-rikorsi tal-*habeas corpus* fir-rigward ta’ ohrajn li l-Qorti tal-Magistrati m’accettatx u din il-Qorti thoss li ghandha taghmel l-istess u dan ghaliex kif intqal fis-sentenza **“Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”**:-

““Il-Qorti trid tenfasizza hawn, illi t-tmienja u erbghin (48) siegha li jissemmew fl-Artikolu 365 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 3593)(6) tal-Kostituzzjoni huwa l-massimu li l-pulizija tista’ zzomm persuna arrestata biex tressaqha quddiem il-Qorti. Skond l-Artikolu 365 (2) dan il-perjodu qatt ma jista’ jigi skorrut jew imtawwal. Anzi jidher car li l-legislatur impona dover fuq il-pulizija li ma tiehux it-48 siegha kollha biex tressaq persuna quddiem il-Qorti meta obbligata tagixxi ‘bla ebda dewmien mhux mehtieg’. Fi kliem iehor, jekk il-pulizija tista’ tigi msejha biex tiggustifika l-operat taghha u jirnexxilha taghmel dan biss jekk tipprova sodisfacentement li d-dewmien kien, fic-cirkostanzi, mehtieg.”

“Illi fil-kaz in kwistjoni mhux kontestat li r-rikorrent kien ingaggat fil-Korp tad-Dejma u kien qed iwettaq id-doveri tieghu bhala membru tal-Korp tal-Pulizija bhala gwardjan fil-Habs. Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti Anthony Mifsud gie arrestat fil-11 ta’ Gunju 1982 u baqa’ arrestat sal-15 ta’ Gunju 1982 f’liema data huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Dan irrizulta kemm mix-xhieda tar-rikorrent innifsu, mir-registru tal-*lock up* kif ukoll mill-istess intimat Psaila meta qal hekk:-

““Fil-fatt, wara jumejn jew tlieta li Mifsud kien jinstab arrestat id-*depot*, jiena kont gbidt l-attenzjoni tad-Deputat Kummissarju biex inressqu lil Mifsud quddiem il-Qorti, izda huwa kien qalli illi seta’ kien hemm xi involviment da parti tal-Ministru ta’ l-Intern u li kellna nistennew struzzjonijiet ulterjuri qabel ma stajna nipprocedu. Fil-fatt, jien sirt naf illi fit-12 ta’ Gunju 1982 stess, il-Kummissarju kien ta direttiva, li giet komunikata lis-Supt Bonello, illi dawk kollha bl-uniformi li kienu jinstabu arrestati kellhom immedjatament jinghataw *transfer* u jigu stazzjonati d-*depot*.”

"Illi l-istess xhud kompla:-

""Ghandi nghid li Anthony Mifsud kien dam bejn erba' (4) u hamest (5) ijiem konsekuttivi arrestat id-*depot*, u meta tressaq quddiem il-Qorti fil-15 ta' Gunju 1982, ma saret l-ebda talba ghall-liberta` provvizorja fil-konfront tieghu, kif fuq spjegat, huwa ntbaghat immedjatament il-habs".

"Illi d-*detaining officer* kien Joseph Psaila dak iz-zmien Spettur tal-Pulizija u s-superjur immedjat tieghu kien Carmelo Bonello dak iz-zmien Supretendent. Din l-investigazzjoni kienet immexxija mid-Deputat Kummissarju Anthony Mifsud Tommasi, illum mejjet.

"Illi ma jizdied jinghad li f'Dok. "AC 2" (a fol.679 tal-process) konsistenti f'dokument iffirmat mis-Supretendent Bonello indirizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija Dr. Pullicino datat 1 ta' Novembru 1983 jirrizulta li hemm indikat li *"PC 1810 Mifsud was on the morning of the 13th June 1982 transferred to perform temporary duties at Headquarters in order to ward off any chance of Court order to release him at the expiration of his 48-hour period of arrest. In spite of this an application in Court was filed just the same".*

"Illi ghalhekk irrizulta ppruvat lil din il-Qorti li r-rikorrenti Mifsud inzamm ghal aktar minn mitt (100) siegha arrestat minghajr ma tressaq quddiem Qorti u kwindi l-arrest tieghu kien wiehed illegali u arbitrarju bi ksur ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

"**(D) KSUR TAL-ARTIKOLU 36 DWAR PROTEZZJONI MINN TRATTAMENT INUMAN U DEGREDANTI.**

"Illi Anthony Mifsud allega li huwa gie msawwat u ttorturat meta kien arrestat.

"Illi l-Artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li :

""Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghall-piena jew trattament inuman jew degredanti".

“Illi dan l-artikolu jimponi tassativament li hadd ma ghandu jigi assoggettat ghall-piena jew trattament inuman jew degredanti. Disposizzjoni din prattikament identika ghall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem li jipprovdi li:-

*““No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment”.*

“Illi dan hu wiehed mill-ftit drittijiet fundamentali redatti f’termini assoluti kemm fil-Kostituzzjoni u kemm fil-Konvenzjoni fis-sens li ma hemm l-ebda deroga ghalih kif jirrizulta li hemm ghal diversi jeddijiet fundamentali ohra.

“Illi fis-sentenza **“Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”** gie ritenut li l-kuncett ta’ trattament inuman jew degredanti m’ghandux jigi ekwiparat ghall-kuncett ta’ tortura. Verament dawn huma kuncetti relatati izda kif qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ta’ l-Appell, l-istess kuncetti ghandhom jinzammu distinti (**“Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar” -** 20 ta’ Lulju 1977 – Q.K. p.548).

“Illi fil-fatt it-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u intenzjonata ta’ trattament inuman u degredanti tant li fil-kaz **“Denmark, Norway, Sweden and the Netherlands vs Greece”** gie ritenut li *“the word ‘torture’ is often used to describe inhuman treatment which has a purpose, such as the obtaining of information or confessions, or the infliction of punishment, and it is generally an aggravated form of inhuman treatment”.*

“Illi fis-sentenza **“Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar”** (Q.K - 20 ta’ Lulju 1977) intqal li:-

““Kwantu ghall-kuncett ta’ ‘trattament inuman’, din il-Qorti tahseb li, in generali, tista’ wkoll tirriferixxi ghal dak espress mill-Kummissjoni Ewropeja fl-imsemmi Kaz Grieg, kif kjarit imbaghad fl-imsemmi Kaz ta’ l-Irlanda. *‘The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering mental or physical, which, in the particular situation, is*

*unjustifiable'* (Rapport ta' l-imsemmija Kummissjoni fil-Kaz Grieg, loc. cit). Bi kjarifikazzjoni ghal dan, gie imbaghad aggunt mill-istess Kummissjoni fir-Rapport taghha fuq il-Kaz ta' l-Irlanda (p.378) li hija innotat li *'the term unjustifiable (in the particular situation) has given rise to some misunderstanding and therefore finds it necessary to state clearly that it did not have in mind the possibility that there could be a justification for any treatment in breach of Article 3'* (tal-Konvenzjoni) (Ara wkoll decizjoni ta' l-imsemmija Kummissjoni fl-Applikazzjoni Num 4771/71 Jacob Hamma vs The Netherlands). Kwantu ghal trattament degredanti, dan, fl-aktar kliem semplici, hu trattament li gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor (ara Rapport ta' l-imsemmija Kummissjoni fil-Kaz Grieg, loc cit). Dan il-kuncett ghadu forsi m'huwiex zvolt bizzejjed, imma l-Qorti tahseb li fih jidhol ukoll apparti forsi elementi ohra, anki l-element tal-vjolazzjoni serja tad-dinjita' umana tas-suggett".

"Illi mill-gurisprudenza nkluza d-decizjoni **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija u Superintendent Carmelo Bonello"** johrog car li biex trattament determinat jaqa' taht il-komminazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jehtieg li jlahhaq certu grad ta' gravita` b'mod li l-gudikant ghandu japplika t-*test* soggettiv. Dan il-grad m'ghandux jitkejjel a bazi ta' l-effett li tali trattament jista' jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, izda minflok, a bazi ta' l-effett li fil-fatt kellu dak it-trattament partikolari fuq il-persuna partikolari li tkun giet assoggettata ghalih. Ghalhekk is-sess, l-eta`, l-istat ta' sahha, l-inkapacitajiet u fatturi varjabbli ohra li jaghmlu persuna dak li effettivament hi ghandhom jinghataw id-debita importanza.

"Illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, dwar il-kuncetti ta' *'ill-treatment'* u *'degrading'* huma sostanzjalment simili jekk mhux identici tista' ssir riferenza anke ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. App Civ Nru:635/98 – 19 ta' Frar 2008) saret

referenza ghall-kaz **“Peers v Greece”** (E.C.H.R – 19/04/01) fejn intqal:-

*““67. The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*““68. Furthermore, in considering whether a treatment is “degrading” within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Raninen v. Finland, judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55)…….*

*““74. In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX).”*

“Illi aktar recentement, fil-kaz **“Yancov v. Bulgaria”**, deciz fil-11 ta’ Dicembru 2003 inghad hekk:-

*““105. In considering whether treatment is “degrading” within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a*

*manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, § 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, § 101, ECHR 2002-VI).*

*““106. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. the United Kingdom. Judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*““107. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (Kud³a v. Poland [GC], no. 30210/96, §§ 93-94, ECHR 2000-XI).”*

“Illi Anthony Mifsud xehed li fil-11 ta’ Gunju 1982 ircieva telefonata mill-Habs ta’ Kordin u qalulu biex imur malajr peress li kienu harbu zewg habsin. Dak il-hin ma qalulux min kienu. Libes l-uniformi u mar. Meta dahal mill-grada ta’ barra marru fuqu zewg pulizija pajzana u wara li vverifikaw min kien dahhluh f’karozza u haduh id-*depot* tal-Pulizija. Dahhluh *f’waiting room*, imbaghad ufficjal hadu f’ufficcju iehor u wara xi ghoxrin minuta wahdu rega’ ttiehed f’ufficcju iehor, kamra zghira, fejn kien hemm sitta min-nies.

"Illi r-rikorrent xehed li wiehed min-nies li kien hemm fil-kamra ghalaq il-bieb u qaghad mal-bieb. Kien hemm wiehed li staqsieh jekk kienx harrab lil Louis Bartolo mill-habs. Kif inqal dan il-kliem, bdew isawtuh u jaghtuh bil-ponn u kien hemm maggur li tah daqqa ta' sieq fl-istonku tieghu b'irkoptu (a fol.105). Fost dawn in-nies li kien hemm fl-ufficcju kien hemm l-intimat Bonello li tah ukoll bil-ponn. Mad-daqqa ta' sieq fuq l-istonku waqa' ma l-art. Refghuh u komplew jaghtuh bil-ponn. Huwa kompla hekk:-

""F'mument minnhom jiena rajt lill-intimat Bonello ipoggi siggu fin-nofs ta' din il-kamra u f'mument iehor rajtu jaqbad arma minn hafna armi li kien hemm fuq il-mejda. L-ewwel qabad senter u mbaghad rega' poggieh fuq il-mejda u qabad *revolver*".

""Wara li tpogga dan is-siggu fin-nofs tal-kamra kif ghidt, tnejn minn dawk illi kien hemm qabduni u poggewni fuq dan is-siggu. Dawk li poggewni fuq is-siggu kienu l-intimat Psaila u l-Maggur".

""Ghalkemm jiena ma rajtx l-intimat Bonello jigi warajja, jiena mill-vuci tieghu stajt ninduna illi huwa kien gie warajja u kien qieghed imiss xi haga ma' rasi u beda jghid: '1,2,3' u jistaqsini fejn hu Louis Bartolo. Ma' l-ghadd tan-numri li semmejt, jiena bdejt inhoss, jew ahjar nisma' l-hoss tat-*trigger*".

""Meta raw illi jiena bqajt sieket, regghu bdew isawtuni u tghajjruni bis-siggu b'kollox, tant illi jiena waqajt fl-art u mbaghad ergajt qomt bil-wieqfa u ghall-mument ma baqghux isawtuni. Sadanittant rajt l-intimat Psaila johrog ghal go kamra ohra u jerga' jigi lura fejn kont jien, b'nerf f'idu. Dan in-nerf kien wiehed twil u dana beda jsawwatni bih fuq saqajja. Jiena waqt li kien qieghed isawwatni bin-nerf, ma nafx kif gietni s-sahha u qbaddtulu minn idejh u hadtulu u mbaghad x'hin raw hekk, kollha regghu bdew isawtuni, tant illi jiena ntlift minn sensija".

"Illi r-rikorrent kompla li kif gie f'sensih sab ruhu f'cella god-*Depot*. Meta hadulu l-ikel ma setax jiekol bl-ugiegh fl-

istonku u kellu d-demm hiereg minn halqu. Wara nofsinhar Pulizija rega’ hadu fl-ufficcju fejn kien issawwat u kien hemm l-intimati Bonello, Psaila u d-Deputat Kummissarju Mifsud Tommasi. L-intimati Bonello u Psaila bdew isawtuh u Mifsud Tommasi (li ma sawtux) qallu li jekk ma kienx se jghidilhom fejn kien Bartolo kienu jew jitfghuh “Frankuni” ghal dejjem jew joqtluh jew jitfghuh il-habs (a fol.136 tal-process). Bis-swat li qala’ huwa ma felahx jitkellem u haduh fic-cella. Huwa xehed *“Jiena fic-cella kont tant mugugh u hassejtni tant wahdi illi kont ser niggennen”* (a fol 136 tal-process). Matul is-swat kollu u z-zmien fic-cella kien dejjem liebes l-uniformi ta’ Pulizija.
“Illi Psaila u Bonello haduh il-*flat* tieghu f’karozza tac-CID. Kien hemm Pulizija li qallu biex imur jinhasel u jbiddel. Huwa sostna li ghamel hekk u heba l-uniformi izda meta mar ifittixha zmien wara din l-uniformi ma sabiex. Huwa jghid li anke jekk iffirma l-istqarrijiet huwa baqa’ jinsisti li kien innocenti ghaliex kien iffirma biss minhabba s-swat li qala’ u ghaliex kien imbezza’.

“Illi Mifsud gab bhala xhieda biex jikkorroboraw il-verzjoni tieghu lil Joseph Cassar li kien ukoll gwardjan fil-habs u li gie arrestat fl-14 ta’ Gunju 1982. Huwa xehed li tefghuh f’cella u kellmuh biss l-ghada filghaxija. Kien gie interrogat minn Joseph Psaila. Ix-xhud qal *“Niftakar lill-Pulizija dehlin u hergin bih fil-lock-up”.* Huwa kompla li l-ghada sema’ lil Mifsud goc-cella fejn kien jibki u jolfoq *“Ara x’ghamluli. Kif kissruni bid-daqqiet”.* Cassar qal li huwa ma rax lil Mifsud ghax kien imsakkar f’cella ohra pero` sema’ lehnu u gharaf li kien Mifsud peress li kienu ilhom zmien jahdmu flimkien. Huwa xehed li Mifsud kien jinstema’ li veru kien mugugh bid-daqqiet li qala’.

“Illi xehed ukoll John Hughes (a fol. 212) li kien gie arrestat ukoll in konnessjoni mal-harba mill-Habs Civili li qal li meta kien id-*depot* ra lil Anthony Mifsud fil-kamra fejn hemm il-gwardjani fl-*area* tal-*lock up* kif tidhol. Huwa xehed hekk:-

““Jiena dakinhar rajt lil Mifsud bilqieghda fuq siggu. Kien daru lejja u ma kellux la qmis u lanqas flokk. Fuq dahru rajtlu xi rigi homor”.

“Illi ma’ dan kompla jghid li huwa kien fl-istess kamra mar-rikorrenti u ra li rigi fuq dahru kienu numeruzi u setghu kienu kagunati b’nerv. Qal li anke lilu stess l-Ispettur Psaila tah bil-harta u kellmu hazin u s-Supretendent Bonello poggilu zewg *revolvers* ma’ rasu u kellmu hazin ukoll. In kontro-ezami qal li ma jistax ighid jekk ir-rigi li kellu Mifsud fuq dahru kienux orizzontali jew angolari ghax kellu hafna. Ix-xhud ukoll iffirma stqarrija li ma kienitx maghmula minn rajh kemm minhabba li l-investigazzjoni hadet certu  zmien li kienu kondotti mill-intimati Psaila u Bonello b’pulizija ohra li kienu dehlin u hergin ukoll minhabba t-torturi li semma.

“Illi wara li nzamm id-*depot* Mifsud tressaq il-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta’ Gunju 1982. Mill-Qorti ttiehed mill-intimati Bonello (dak iz-zmien Supretendent) u Psaila (dak iz-zmien Spettur) u nies ohra tas-CID b’karozza l-habs fejn dam tlett snin. Infatti rrizulta mix-xhieda ta’ P.S. 121 Richard Zammit (a fol. 562) li Mifsud dahal il-habs fil-15 ta’ Gunju 1982 u hareg fid-19 ta’ Gunju 1985 meta gie misjub mhux hati minn gurija u ddikjarat bla htija mill-Qorti Kriminali.

“Illi ghall-perjodu ta’ meta kien il-habs ir-rikorrent allega li ghamel zmien f’cella ta’ izolament, li meta kellu bzonn il-kura ma gabulux tabib, kif ukoll li ma thallix ghal zmien twil ikollu vizti familjari.

“Illi l-intimati min-naha taghhom cahdu kategorikament li sar xi swat fuq ir-rikorrent biex jiffirma stqarrijiet. L-intimat Carmelo Bonello (fol. 302), dak iz-zmien Supretendent, ha sehem fl-investigazzjoni tal-harba in kwistjoni liema investigazzjoni kienet qed titmexxa minn Anthony Mifsud Tommasi (li miet fil-mori tal-proceduri). Huwa xehed li l-interrogazzjoni saret minn Mifsud Tommasi fil-presenza tieghu u ta’ Psaila pero` ma jeskludix li seta’ dahal xi hadd biex igibilhom xi haga jew ohra. Huwa cahad li sawwat lil Mifsud jew li ghamillu *revolver* ma’ rasu. Huwa cahad li sar xi swat minnu jew mill-ufficjal prezenti biex igeghlu lir-rikorrent jiffirma l-istqarrijiet. Hadd ma ezercita xi pressjoni fuq ir-rikorrent biex jaghmel stqarrija. In kontro-ezami

xehed li wara li kien tressaq il-Qorti gew infurmati mid-direttur tal-habs li Mifsud ried ikellimhom u kien ghalhekk li huwa u Psaila marru l-habs biex ikellmuh.

“Illi l-intimat l-iehor Joseph Psaila cahad l-allegazzjonijiet li ghamel Mifsud ghal kif gew kondotti l-interrogazzjonijiet. Huwa xehed li *“Qatt ma kien hemm ebda agir da parti tieghi jew ta’ l-ufficjali l-ohra li kienu prezenti ghal dawn l-interrogazzjonijiet, li seta’ b’xi mod ibezza’ jew jikkonstringi lil Mifsud illi jistqarr xi fatti involontorjament jew taht theddid”.*

“Illi huwa xehed li ftit wara li Mifsud tressaq quddiem il-Qorti Ronald Theuma nforma lil Psaila u Bonello li Mifsud xtaq jaghmel stqarrija ulterjuri dwar il-kaz u marru l-habs dak il-hin stess u Mifsud ghamel stqarrija ohra. Din l-istqarrija giet dikjarata inammissibbli mill-Qorti Kriminali peress li ttiehdet mill-Pulizija wara li Mifsud tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

“Illi Anthony Mifsud Tommasi, li kien deputat Kummissarju tal-Pulizija meta harbu l-prigunieri, xehed li fi zmien il-harba huwa kien qed jagixxi ta’ Kummissarju tal-Pulizija u l-ghada tal-harba l-Kummissarju rega’ dahal ghad-doveri tieghu. Ghar-rigward ta’ l-istqarrijiet qal li huwa kien prezenti meta saru u li dawn inqraw lil Mifsud minn Psaila u li kien Psaila li ttajpjahom. Huwa sostna li l-interrogatorju kien wiehed normali u ma kienet saret l-ebda protesta min-naha tar-rikorrent.

“Illi minn dan kollu jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet konfliggenti ghall-ahhar. Filwaqt li r-rikorrent jallega swat waqt li kien mizmum id-*Depot* minn ufficjal tal-Pulizija, l-intimati jichdu kategorikament li dan sehh.

“Illi waqt l-interrogazzjonijiet li saru lil Mifsud hadd ma kien prezenti ad eccezzjoni tieghu u tal-ufficjali tal-pulizija fosthom dawk li kienu qed jinterrogawh, u ghalhekk ma jistax ikun hemm xhud okulari mhux membru tal-korp tal-pulizija li jista’ jikkonferma dak li gara jew ma garax. B’hekk biex jigi deciz dan il-punt din il-Qorti trid tara liema verzjoni hija l-aktar kredibbli.

"Illi x-xhieda prodotti mir-rikorrent jikkonfermaw li huwa kien qed jigi trattat b'mod hazin mill-pulizija u dan ukoll ghaliex ix-xhud Joseph Cassar xehed li sema' lil Mifsud jokrob bl-ugigh u li gharaf lehnu peress li kien ilhom zmien jahdmu flimkien. Irrizulta mill-process li dan Cassar (fol. 172) gie arrestat fl-14 ta' Gunju 1982 fis-7.15p.m. u gie rilaxxat fuq ordni ta' l-Ispettur Psaila fil-11.10p.m. fis-16 ta' Gunju 1982. Ix-xhud l-iehor John Hughes xehed li ra lil Mifsud bilqieghda fuq siggu, li kien daru lejh u li ma kellux qmis u lanqas flokk ralu fuq daru rigi homor li kienu numeruzi. Irrizulta mir-*register of detainees* (fol. 170) li huwa gie arrestat fil-11 ta' Gunju 1982 fil-5.55 a.m u mehud CCP fil-11 ta' Gunju 1982 fl-10.54. imbaghad fl-14 ta' Gunju 1982 rega' ttiehed id-*Depot* fil-11.30.p.m. u gie rilaxxat fil-15 ta' Gunju 1982 fid-9.10a.m.. Illi *d-detaining officer* kien l-Ispettur Psaila.

"Illi Dr. Tonio Azzopardi, l-avukat tar-rikorrent, xehed li huwa flimkien ma' Dr. Carol Peralta (illum Magistrat) marru jkellmu lil Mifsud fil-Habs Civili. Irrizulta li marru jkellmuh fit-22 ta' Gunju 1982. Dr. Azzopardi xehed li Mifsud irrakkontalhom x'kien ghadda minnu bejn il-11 u 15 ta' Gunju 1982 u kien qed jibki u emozzjonat ghall-ahhar waqt li jirrakkonta.

"Illi l-intimati ghamlu sensiela ta' mistoqsijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom. Partikolarment ghaliex ir-rikorrent ma tkellimx dwar dan jew qabbad lil min seta' jitkellem ghalih *a tempo vergine.* Jistaqsu ghaliex Mifsud ma kienx gibed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Magistrati meta tressaq fil-15 ta' Gunju 1982 jew li wera tali sinjali fuq persuntu. Ghaliex lanqas l-avukati tieghu ma gibdu l-attenzjoni tal-Qorti? Ghaliex ma talabx ghal-liberta` provizorja biex ikun f'posizzjoni li jara tabib u jkollu prova oggettiva ta' dak li qed jallega? Ghaliex meta ddahhal il-habs ir-rikorrent ma nstablu xejn mit-tabib tal-habs Dr. Michael Cordina? U ghaliex Mifsud ma qallu xejn? Ghaliex Mifsud ma qal xejn lill-avukati tieghu b'dawn is-swat u maltrattamenti? Ghaliex Mifsud, waqt il-permanenza tieghu l-habs, qatt ma gab a konoxxenza tal-Bord tal-Vizitaturi tal-habs u lanqas lill-familjari tieghu li

kienu jivvizitawh? Ghaliex Mifsud ma ghamilx kwerela kontra l-persuni li allegatament sawwtuh?

“Illi dawn pero` jridu jittiehdu fil-kuntest tac-cirkostanzi kollha tal-kaz bhal per ezempju li ghalkemm huwa minnu li Mifsud ma pproduca l-ebda certifikat mediku biex jipprova l-allegazzjonijiet tieghu izda jidher car li ma kienx possibbli ghalih li jaghmel dan. Dan ghaliex ghalkemm l-intimati sostnew li meta r-rikorrent iddahhal il-habs fil-15 ta’ Gunju 1982 it-tabib tal-habs Dr. Michael Cordina ezaminah u ma ccertifikax xi marki ta’ swat, pero` minn ezami ta’ l-istess *file* ta’ Mifsud jirrizulta li ghalkemm it-tabib tal-habs kien rah pero` r-rimarka ta’ Dr. Cordina dwar Mifsud lanqas biss hija datata.

“Illi mhux hekk biss izda meta l-istess tabib gie prodott bhala xhud huwa ma ftakar xejn u xehed fis-sens li prigunier kien jigi riferut lilu u huwa ma jkunx a konoxxenza ta’ meta dahal il-prigunier, jigifieri dan ifisser li prigunier seta’ jittiehed ghall-vizta ghandu anke gimghat jew xhur wara li dan ikun dahal il-habs.

“Illi haga ohra li hija stramba hi li rrizulta li l-*file* ta’ Mifsud inbeda fis-16 ta’ Gunju 1982 u mhux fil-15 ta’ Gunju 1982 meta dahal il-habs (a fol. 631 tal-process) u ma tnizzel xejn dwar dak li seta’ gara bejn il-15 u s-16 ta’ Gunju 1982.

“Illi l-intimati pproducew ukoll lil ex-Direttur tal-habs Ronald Theuma u lill Albert Mulvaney li xehdu fis-sens li ma raw l-ebda tbengil fuq il-persuna ta’ Mifsud u li huwa stqarr quddiemhom li kien involut fil-harba.

“Illi pero` din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha bir-reqqa li l-verzjoni moghtija mir-rikorrent hija ferm aktar kredibbli u verosimili u dan ghal diversi ragunijiet.

“Illi fl-ewwel lok huwa xehed f’diversi seduti in ezami u kontro-ezami kif ukoll f’dak li rrapportaw l-esperti psikjatri u huwa kien konsistenti fil-verzjoni tieghu forsi ad eccezzjoni ta’ xi affarijiet zghar.

"Illi fit-tieni lok dwar din il-verzjoni l-ewwel psikjatra li ra lir-rikorrenti lejn l-ahhar ta' l-1992 kien Dr. John Mifsud. Tant jidher li kien impressjonat li huwa kien anki rregistra *video* tar-rikorrent biex ikun jista' jghallem lill-istudenti tieghu fuqu. F'April 1994 rega' ezaminah peress li gie riferut lilu mill-avukat tar-rikorrent ghax kien fi stat ta' emotivita` kbira. Huwa kkonkluda li kien fi stat emozzjonali kroniku u li b'hekk kellu bzonn kura psikjatrika. Il-kundizzjoni tieghu kkwalifikaha bhala *"post traumatic stress disorder".* Ir-rikorrent irrakkontalu dak kollu li ghadda minnu kemm fid-*Depot* kif ukoll fil-habs. Dwar dan l-istess psikjatra qal:-

*""Jiena s'intendi ghamiltlu d-domandi tieghi u wara jien stajt nikkonstata u nikkonkludi illi dan kien bniedem li ghadda minn certu stress u li huwa ma kienx qieghed jiffantastika u jivvinta l-affarijiet…."*

"Illi l-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar nominat mill-Qorti kkonferma li r-rikorrenti kien qed isofri minn *"post traumatic stress disorder"* u li r-rikorrenti ghandu livell konjittiv baxx hafna. Huwa kkunsidra li Mifsud kellu cirkostanzi ohra li setghu kkawzaw l-istess kundizzjoni. Minkejja dan, l-incidenti bhal dawk li ghadda minnhom ir-rikorrenti aggravaw din il-kundizzjoni tar-rikorrenti b'mod sostanzjali.

"Illi l-Periti Perzijuri appuntati mill-Qorti kkonkludew ukoll li r-rikorrent kien qed ibati minn kondizzjoni ta' *"post traumatic stress disorder"* (PTSD) u dan skond l-*"International Classification Disease 10"* F 43.1 li jinkludu l-effetti, il-kundizzjonijiet u s-sintomi indikati a fol. 923/924 tal-process li jinkludu li:-

*""the patient must have been exposed to a stressful event or situation (either short or long standing) of exceptionally threatening or catastrophic nature, which would be likely to cause pervasive distress in almost anyone"*

"Illi l-konsegwenzi ta' dan huma li l-istat li qed isofri minnu r-rikorrenti huwa wiehed kroniku fejn jibqa' b'sintomi prominenti, persistenti u qawwija minkejja t-tul ta' zmien illi ghadda u l-kura li ilu jiehu fit-tul; sostnew ukoll li *"s-sintomi*

*ta' Post Traumatic Stress Disorder" illi ghandu, jikkoncernaw biss l-esperjenza illi huwa garrab fil-konfront ta' din il-kawza"* fis-sens li dak li qed isofri minnu huwa kawza ta' dak li rrakonta li sehh lilu mertu ta' din il-kawza u dik civili. Fil-fatt fl-eskussjoni taghhom l-istess periti psikjatrici kkonkludew li qabel ma dahal il-habs li huma ddeskrivew bhala l-ewwel fazi r-rikorrenti kien qed jghix hajja pjuttost normali u kien biss fit-tieni fazi u cioe` wara li huwa gie suggett ghat-trattament minnu deskritt li l-istess rikorrenti sofra u ghadu qed isofri mill-kundizzjonijiet msemmija, b'dan li t-trawma kienet mill-bidu nett u allura minn meta gie suggett ghall-imsemmi swat u theddid, u inkarcerazzjoni u din l-esperjenza tittiehed bhala esperjenza wahda. (24 ta' Jannar 2007).

"Illi l-istess esperti xehdu li raw ir-rapport ta' Dr. Mifsud u ta' Dr. Cassar u kienu f'posizzjoni li jivverifkaw l-allegazzjonijiet li ghamel ir-rikorrenti anke minhabba diversi domandi li huma ghamlulu u mill-komportament tieghu waqt is-sessjonijiet li huma kellhom mieghu. Dr. Peter Muscat ikkonferma li huma mxew skond l-evalwazzjoni psikjatrika ta' l-istat mentali ta' l-individwu u li kellhom esperjenza bizzejjed biex jirrealizzaw jekk il-persuna tkunx qed tigdeb jew le.

"Illi mill-konkluzjonijiet peritali u mill-eskussjoni tal-periti addizzjonali jirrizulta li fl-opinjoni taghhom r-rikorrenti kien qed jirrakonta dak li huwa ghadda minnu, huwa kien qed jghid il-verita` tant li l-espert Dr. Peter Muscat sostna wkoll b'mod enfatiku qal li *"Le ma kienx jidher li qed jezagera".*

"Illi l-istess konkluzjoni hija msahha mill-konsiderazzjoni tal-istess esperti psikjatrici li fid-dawl tal-kostatazzjoni taghhom (u ta' kull min ezamina lir-rikorrenti) li huwa ghandu l-livell baxx ta' I.Q ghalhekk huwa *"m'ghandux intelligenza bizzejjed to put on an act",* u allura r-rikorrenti ma huwiex u ma kienx kapaci li jivvinta tali storja kieku mhux ghax verament ghadda minnha. Mhux hekk biss izda l-fatt li l-istess persuna kienet tbati minn I. Q. baxx setgha jaghti l-kaz li ma taghtix kaz ta' certu emozzjonijiet, izda f'dawn ic-cirkostanzi l-effetti fuq l-individwu rizultat ta' dak li garrab tant kienu qawwija, li affettwatu u zviluppat

f'kundizzjoni ta' PTSD kronika. Hawn huwa relevanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh li sabiex jigi determinat jekk kienx hemm trattament inuman ta' certu` gravita` li jwassal ghall-ksur tal-artikolu relattiv tal-Kostituzzjoni jrid jigi applikat it-test suggettiv u cioe` l-effett li tali komportament illegali u abbuziv ihalli fuq il-persuna partikolari nvoluta fil-kaz b'dan li l-kundizzjoni tar-rikorrenti hija ta' importanza massima, nkluz s-sess, l-eta`, l-istat ta' sahha, l-inkapacita` u fatturi varjabbli ohra, b'dan li bla dubju certi kundizzjonijiet jaggravaw s-sitwazzjoni (**"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" – "Ireland vs United Kingdom".**

"Illi ghalhekk tali konkluzjoni min-naha tal-esperti psikjatrici nominati hija iktar rilevanti meta jidher car li hadet in konsiderazzjoni proprju l-istat attwali tar-rikorrenti qabel ma gie suggett ghal tali trattament abbuziv u dan kollu certament jikkorobora x-xhieda tar-rikorrent kif ukoll izid il-konvinciment ta' din il-Qorti li r-rikorrent fiz-zmien li nzamm arrestat id-*depot* u waqt l-interrogatorji gie msawwat u mhedded severament, kif rakkontat minnu stess, u dan mill-ufficjali tal-Pulizija fosthom l-intimati Psaila u Bonello u dan jammonta ghal trattament inuman u degredanti projbit bla riservi mill-Kostituzzjoni. Ta' min isemmi hawn li r-rikorrent issawwat minn diversi nies b'daqqiet ta' ponn tant li soghol id-demm, b'nerf, kif ukoll tpoggitlu arma tan-nar ma' rasu mill-Ispettur Bonello. Il-fatt biss li bniedem jigi msawwat minn persuna wahda diga` huwa umiljanti, ahseb u ara minn diversi nies f'ufficcju zghir u iktar u iktar bil-mod kif deskritt f'din il-kawza. B'konsegwenza ta' dan it-trattament l-istess rikorrenti jirrizulta li ffirma stqarrijiet li jinkriminawh u li minhabba taghhom inhadu proceduri kriminali kontra tieghu li tul id-dekors taghhom inzamm arrestat, u allura b'rizultat ta' l-istess trattament ir-rikorrenti sofra konsegwenzi serjissimi sakemm fl-ahharnett gie liberat mill-akkuzi kollha mressqa kontra tieghu minkejja l-istess stqarrijiet u dan biss wara process kriminali.

"Illi b'hekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat li r-rikorrent gie trattat b'mod inuman kif deskritt fil-**Greek Case** ghaliex gie ppruvat li dan it-trattament sar b'mod deliberat u kkawzalu

tbatija kemm mentali kif ukoll fizika. Aktar gravi minn hekk jinghad li dak li ghadda minnu r-rikorrent jikkwalifika bhala tortura ghaliex it-trattament inuman kif ukoll degredanti li nghata kien immirrrat sabiex jiffirma stqarrijiet ta' ammissjoni ta' htija meta evidentement ma kienx hati. Dan jinghad ghaliex ir-rikorrent wara li dam tlett snin shah il-habs biex imbaghad hareg liberat mill-akkuzi. Dan ikollu jkompli jsahhah il-fatt li l-arrest tieghu kien illegali mhux biss ghax inzamm mal-mitt siegha arrestat qabel ma tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati izda anki ghaliex l-istqarrijiet ta' ammissjoni ta' htija nkisbu wara li gie msawwat brutalment u allura aktar u aktar ir-rikorrent kellu jinheles qabel iz-zmien impost mil-ligi.

"Illi r-rikorrent kien trattat ukoll b'mod degredanti bil-mod kif imxew mieghu l-ufficjali tal-Pulizija. Infatti kif intqal fis-sentenza **"Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et"** (Q.K. App Civ Nru:38/07 – 12 ta' Frar 2008):-

"Fil-kawza 'Hurtado vs Switzerland', il-Kummissjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fir-rapport taghha ppubblikat fit-8 ta' Lulju, 1993, osservat hekk, f'paragrafu 67 :

*""The Commission reiterates that treatment is considered 'degrading' when it is such as to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance".*

"Illi ghalhekk din il-Qorti b'referenza wkoll ghall-mistoqsijiet tal-intimati fuq imsemmija tghid li r-rikorrent agixxa b'dak il-mod sforz it-trawma kbira li huwa sofra fil-perjodu li nzamm id-*depot* u bil-mod kif gie trattat. Din il-Qorti temmen li huwa tant kien bezghan li tali biza' ma ppermettitlux li jitkellem. Wiehed ma jridx jinsa li meta deher quddiem il-Qorti l-ewwel darba lanqas biss kien assistit minn avukat. Hekk kif dahal il-habs haduh ghand id-Direttur Ronald Theuma li pero` xehed li ma kienx kompitu tieghu li jivverifika jekk Mifsud kellux xi tbengil jew le fuqu. It-tabib tal-habs lanqas biss jiftakar xejn dwar il-

kaz innifsu u kif diga` inghad irrimarka li ghadda fuq Mifsud lanqas biss hija datata.

“Illi rrizulta li l-avukati ta’ Mifsud kellmuh fit-22 ta’ Gunju 1982 cioe` gimgha wara li ddahhal il-habs. Dr. Tonio Azzopardi xehed li Mifsud qalilhom minn xhiex ghadda fid-*depot* izda ma harigx car jekk Mifsud qalilhomx li kien gie msawwat. Huwa minnu wkoll li r-rikorrenti lanqas lill-familjari tieghu ma qal. Huwa ovvju li r-rikorrent kien bezghan hafna ghaliex huwa kien mizmum il-habs u kien jaf li qieghed hemm meta kien bla htija u wkoll kien qed jibza’ minn konsegwenzi ohra meta huwa ma kellu xejn x’jiddefendih.

“Illi ghas-sottomissjoni tal-intimati fir-rigward tat-trapass taz-zmien sabiex ir-rikorrent jitkellem u jipprocedi bizzejjed issir referenza ghal-dak li inghad fil-kawza fl-ismijiet **“J.M. Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et”** (Q.K. - Rik Nru:167/86 – 6 ta’ Awwissu 2001) fejn intqal:-

““Hu korrett li din il-Qorti f’gudikati ohra accennat ghall-konsiderazzjoni illi l-fatt li persuna li tallega li tkun sofriet lezjoni tal-jedd fondamentali taghha u li fic-cirkustanzi normali, ddum milli tadixxi lill-Qorti kompetenti biex taghtiha ridress xieraq u adegawat seta’ jirrifletti kemm fuq il-gravita` tal-lezjoni allegata kif ukoll fuq ix-xorta ta’ rimedju indikat. Konsiderazzjoni din pero` li tapplika ghac-cirkostanzi ta’ normalita` meta l-vittma setghet tirrikorri ghall-protezzjoni tal-organi gjudizzjarji bla biza’ ta’ ritorzjoni. Inoltre` din il-konsiderazzjoni kienet tvarja fl-applikazzjoni taghha skond it-tip ta’ vjolazzjoni. Kjarament mhux il-lezjonijiet kollha tad-diversi jeddijiet fundamentali kellhom l-istess effett fuq il-persuna tal-individwu. Min ikun gie assoggettat ghal trattament degredanti u inuman u min ikun ghadda minn esperjenza ta’ tortura ma jista’ qatt jitqies li jippregudika d-dritt tieghu li jfittex ridress bis-semplici trapass taz-zmien. Iz-zmien seta’ jfejjaq il-feriti. Ma kienx pero` jfejjaq il-lezjoni tal-jedd fondamentali. Kif gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “Il-Perit Joseph Barbara vs Onorevoli Prim Ministru” fis-7 ta’ Ottubru 1997, fin-nuqqas ta’ provvediment statutorju li jirregola l-materja, l-azzjoni li torigina mill-vjolazzjoni tal-

jedd fondamentali ma kienet soggetta ghall-ebda preskrizzjoni estentiva. Id-dewmien tal-vittma biex jagixxi ma kienx allura jippregudika d-dritt ta' azzjoni. Seta' biss ikun fattur li jinfluwixxi fuq l-apprezzament tal-gravita` tal-allegata vjolazzjoni. Fil-kaz taht ezami din il-Qorti hi sodisfatta illi mhux biss iz-zmien ma kienx inordnatament twil imma ukoll illi c-cirkustanzi kienu tali illi r-rikorrenti appellati kienu gustifikati illi ma jagixxux mill-ewwel bl-azzjoni kostituzzjonali…….”

“Illi r-rikorrent ilmenta wkoll li meta kien il-habs dam sentejn dizokkupat u kien ghalhekk li ma setax jibda proceduri qabel u li meta kien il-habs ghamel zmien f’cella ta’ izolament. Huwa xehed li fl-ewwel sena l-movimenti tieghu kienu ristretti ghad-*division* tieghu fis-sens li ma kienx johrog bhal prigunieri l-ohrajn fil-btiehi. Sabiex jikkoroboraw tali lment xehdu Michael Savona (a fol. 185 tal-process – maggur fil-korp tal-Gwardjani fil-habs) u Lino Grima (a fol. 245 tal-process – membru fil-korp tal-Pulizija li kien jaqdi d-doveri tieghu fil-habs civili u fiz-zmien tal-harba kien jiehu hsieb l-infermerija). It-tnejn xehdu li r-rikorrent ghamel zmien fid-divizjoni ta’ l-izolament u sahansitra meta kien johrog ghar-rikreazzjoni r-rikorrent kien jinhareg fil-bitha u jinzamm wahdu ghax f’dik il-*wing* huwa biss kien hemm. Eventwalment tpogga f’divizjoni ma’ prigunieri ohra u anki beda jahdem fil-*workshop.*

“Illi l-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda ta’ Michael Savona in kwantu din setghet tkun relevanti ghal kaz odjern anke jekk tali xhud ghamel zmien ma jidholx xoghol ghax kien *on sick* (Dok. “CA” – fol. 680 tal-process - esebit ma’ l-affidavit tas-Surgent Anthony Cutajar PS 1404) bejn id-dati tas-17 ta’ Marzu 1982 sal-21 ta’ Dicembru 1982, izda imbaghad ghamel tlett snin shah ix-xoghol. Kwindi ghalkemm ghamel iz-zmien mhux fuq il-post tax-xoghol xorta wahda x-xhieda tieghu hija attendibbli kif aktar hija dik ta’ Lino Grima.

“Illi mill-*file* ta’ Mifsud, li xehed fuqu P.S. 121 Richard Zammit, irrizulta li tul iz-zmien li Mifsud inzamm il-habs gie mcaqlaq diversi drabi minn *division* ghal ohra (a fol. 562 tal-process). Irrizulta zgur li fil-25 ta’ Ottubru 1982 (a fol.

595 tal-process). Mifsud beda jahdem fil-librerija tal-habs fuq rikjesta tieghu stess u dan sehh meta huwa kien diga` ilu ma l-erba’ xhur il-habs. Il-fatt li tpogga f’cella wahdu kompliet tiggravva t-tbatija li ghadda minnha Mifsud u dan wara li kien kostrett jaghmel stqarrija ta’ htija minhabba s-swat u t-theddid li kien ircieva. Dan fil-fatt jista’ jinghad li huwa effett u konsegwenza tat-theddid u s-swat li sofra l-istess rikorrenti fil-perjodu meta gie l-ewwel arrestat sakemm tressaq il-Qorti fil-15 ta’ Gunju 2002 quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Carmelo Farrugia Sacco mill-Ispetturi Bonello, J. Psaila u A. Borg Caruana (fol. 599).

“Illi dan apparti li r-rikorrent ilmenta wkoll li l-familjari tieghu ma nghatawx permess biex imorru jarawh hlief hafna xhur wara li spicca l-habs. Irrizulta (a fol. 573 tal-process) mill-*file* tieghu li l-ewwel vizta tal-familja tieghu kienet fis-17 ta’ Jannar 1983 cioe` sitt xhur wara li dahal il-habs. Biss ma ngabux provi fis-sens li l-familjari tieghu damu sitt xhur biex jarawh ghax ma thallewx minn xi hadd jew minn xi awtorita`.

“Illi b’hekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat r-rikorrenti fid-dati ndikati fl-istess rikors gie soggett ghall-trattament inuman u degradenti bi skur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dan ghaliex huwa gie assogettat ghall-mohqrija fizika kif ukoll mentali, u dan is-swat u theddid tant kien *sever* li holoq biza’ kbir fih tant li sabiex l-istess trattament jieqaf huwa wasal u b’hekk gie kostrett biex jiffirma stqarrija li fil-fatt wasslet sabiex ittiehdu kontra tieghu proceduri kriminali. Sakemm saru dawn il-proceduri kriminali, r-rikorrenti baqa’ mizmum il-habs u gie mehlus biss wara li l-Qorti Kriminali sabitu mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

“**<u>(E) RESPONSABILITA`.</u>**

“**<u>(I) KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA.</u>**

“Illi l-Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa li m’hemm ebda allegazzjoni fir-rikors li huwa kiser il-Kostituzzjoni.

“Illi dwar tali eccezzjoni ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“J.M. Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et”** fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet :

““Ma seta’ jkun hemm l-ebda dubju illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien kostituzzjonalment responsabbli ghal dak li gara ghaliex kienu membri tal-Korp tieghu li kissru d-drittijiet fundamentali ta’ l-individwi meta u fiz-zmien li, skond l-Ordinanza tal-Pulizija, hu kellu r-responsabbilita` tad-direzzjoni u supervizjoni tal-Korp.

““Fil-kazijiet fejn il-vjolazzjoni ta’ xi wiehed mid-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-individwu issir minn xi impjegat tal-Gvern waqt li jkun qieghed jagixxi ezekuttivament jew amministrattivament bhala regola ghandu jirrispondi ghal dik il-vjolazzjoni l-Gvern jew il-Ministru li huwa responsabbli ghal u ghandhom il-kontroll ta’ dan l-ufficjal. Meta dik il-vjolazzjoni tammonta wkoll ghal reat, delitt jew kontravenzjoni, allura ghandu jirrispondi wkoll l-persuna li ghamlet ir-reat.” “L-azzjoni hi principalment kontra l-istat bhala garanti tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. L-istat ghandu fl-ewwel lok jirrispondi ghall-vjolazzjoni ta’ dawn id-drittijiet mil-funzjonarji tieghu li jservuh.” “Ir-responsabbilita` tal-istat hija diretta meta l-vjolazzjoni tkun l-effett tal-politika tal-istat u indiretta u garantitistika meta jkun l-effett tal-operat illegali tal-impjegati. Ghalhekk jirrispondi jew bhala ezekutur principali jew bhala garanti tal-impjegati tieghu.” (Ara “Joseph Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et” deciza minn din il-Qorti fl-14 ta’ Dicembru 1994 (Volume LXXVIII.i.256) ; “Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et” deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ April 1991; “Vincent Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et” deciza minn din il-Qorti fit-22 ta’ Jannar 1993 ; “John Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et” deciza wkoll fl-istess gurnata.)”

“Illi skond kif intqal fis-sentenza **“Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”** biex il-Ministru, jew il-Kap ta’ Dipartiment , li jkun ukoll parti fil-kawza, jigi ezentat minn kull responsabilita` jkun irid juri li malli huwa sar jaf bil-vjolazzjoni allegata, jew ha l-passi mehtiega biex dik il-

vjolazzjoni tieqaf immedjatament jew jekk meta sar jaf, ma kienx possibbli li jwaqqaf il-vjolazzjoni, allura jrid, malli jsir jafha, jiddisassocja ruhu minnha fil-konfront tal-vittma u b'mod inekwivokabbli.

"Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li kif il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien gie a konoxxenza tal-fatti ha xi passi biex l-illegalita` fil-konfront tar-rikorrent tieqaf. Mhux biss izda tenut kont ta' dak li inghad fl-imsemmija sentenza jirrizulta l-Awtoritajiet kompetenti ma ddisassocjaw ruhhom mill-operat tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan iktar u iktar meta hawn si tratta ta' materja ta' natura kostituzzjonali fuq allegazzjonijiet ta' trattament inuman u degredanti u wkoll kommessjoni ta' reat minn persuni membri tal-Korp tal-Pulizija li suppost qeghdin hemm sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tac-cittadin u ghall-protezzjoni tal-istess u wkoll sabiex ukoll jevitaw li dawn l-abbuzi jsiru minn kull persuna ahseb u ara minnhom u hawn issir riferenza ghal dak li qalet l-istess Qorti Kostituzzjonali fi-kawza fuq citata riporata **f'Vol. LXXV.i.163 sa 166**.

"Illi dwar dan din il-Qorti tirreferi ghall dak li inghad fil-kawza "**Joseph Mary Vella et vs l-Kummissarju tal-Pulizija**" (Q.K. – 6 ta' Awwissu 2001) li f'kaz fejn hemm allegazzjoni li membri tal-korp tal-pulizja kkomettew reat huwa l-obbligu tal-istess Kummissarju li jinvestiga l-istess allegazzjonijiet u jipprocedi bir-rigur tal-ligi kontra minn jidher li b'tant vjolenza kiser il-ligi waqt il-qadi tad-doveri ufficjali tieghu u *"anke ta' dan u f'dan il-Kummissaru tal-Pulizija kellhu jerfa' responsabilita' shiha".* Doveruz jigi nnutat li l-incidenti li taw lok ghal din l-istanza sehhew fi zmien meta l-ufficju tal-Kummissarju tal-Pulizija kien okkupat minn haddiehor u mhux minn min attwalment jokkupah. B'hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"**<u>(II) DR. LAWRENCE PULLICINO.</u>**

"Illi Dr. Pullicino, kjamat in kawza, eccepixxa li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li ma kien bl-ebda mod involut fl-interrogatorji u t-trattament li allegatament inghata r-rikorrent billi meta Anthony Mifsud

gie arrestat huwa kien imsiefer, u meta gie lura ma kellux x’jaqsam xejn.

“Illi fil-fatt gie ppruvat, anki fuq xhieda ta’ Joseph Bartolo, li Dr. Pullicino kien siefer u mar Ruma fuq delegazzjoni tal-Gvern u meta grat il-harba kien Ruma. Infatti dakinhar tal-harba Anthony Mifsud Tommasi kien qed jagixxi ta’ Kummissarju tal-Pulizija pero` l-ghada tal-harba l-Kummissarju tal-Pulizija rega’ dahal ghad-doveri tieghu (a fol. 343 tal-process).

“Illi minkejja dan jirrizulta wkoll li huwa kien gie nfurmat b’dak kollu li kien gara meta dahal lura x-xoghol. Huwa xehed li mar Ruma fid-9 ta’ Gunju 1982 u gie lura fit-12 ta’ Gunju 1982. Xehed li gie dahal lura ghax-xoghol fit-13 ta’ Gunju 1982. Dan ifisser li Mifsud kien diga` ilu jumejn arrestat id-*depot* u *nonostante* dan xorta ma hax il-provvedimenti necessarji sabiex Mifsud jinheles fi zmien tmienja u erbghin siegha. B’hekk Dr. Pullicino zgur ma jistax jiskolpa ruhu ghall-ksur ta’ l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

“Illi ghar-rigward it-trattament inuman u degredanti huwa minnu li Dr. Pullicino ma hax sehem personalment fl-interrogatorji izda fil-kariga li kellu dak iz-zmien kellu l-obbligu li jara li tali ksur tal-Kostituzzjoni ma kellux isehh u jirrizulta wkoll li kemm dam fl-istess posizzjoni huwa bl-ebda mod ma disassocja ruhhu minn dak li gie kommess fuq ir-rikorrenti u b’hekk qed jinstab huwa wkoll responsabbli ta’ ksur ta’ l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

“**(III) L-INTIMATI PSAILA U BONELLO.**

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta ppruvat li meta r-rikorrenti Mifsud ittiehed u nzamm id-*depot* id-*detaining officer* tieghu kien l-intimat Joseph Psaila (dak iz-zmien Spettur) u s-superjur immedjat tieghu kien l-intimat Carmelo Bonello (dak iz-zmien Supretendent). L-investigazzjoni dwar il-harba kienet tmexxiet mid-deputat Kummissarju Anthony Mifsud Tommasi. Irrizulta li l-intimati Joseph Psaila u Carmelo Bonello sawwtu lil Mifsud f’diversi okkazzjonijiet waqt l-interrogatorji u dan anki fil-presenza

tad-Deputat Kummissarju. Inoltre` jinghad li Mifsud gie anki msawwat minn ufficjali tal-Pulizija ohra apparti l-intimati li pero` mhumiex parti fil-kawza odjerna.

“Illi l-intimati Joseph Psaila u Carmelo Bonello, apparti li dejjem cahdu li qatt sawwtu lir-rikorrenti, sostnew li huma ma kellhom xejn x’jaqsmu mal-mod kif ir-rikorrent gie trattat il-habs u mal-mod ta’ kif kien jigi trasferit minn cella ghal ohra.

“Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-lamentela mertu tar-rikors odjern hija dik li titratta dwar it-trattament abbuziv li r-rikorrenti sofra fil-granet bejn meta kien arrestat sakemm tressaq l-ewwel darba l-Qorti, u ta’ dan kienu proprju l-intimati indikati l-awturi principali ta’ l-istess. Il-mod kif l-istess rikorrenti gie ssussegwentement trattat fil-habs huwa differenti minn tali lamentela, b’dan li anke jekk jirrizulta li l-intimati ma kienux involuti bil-mod kif l-istess rikorrenti kien mizmum fil-habs, xorta wahda l-istess intimat Psaila u Bonello qed jinzammu responsabbli f’din il-kawza proprju ghall-agir taghhom fid-dati u granet indikati fl-istess rikors promotorju. Certament li l-istess intimati ghandhom jirrispondu ghall-agir taghhom f’dawk il-jiem fil-konfront tar-rikorrenti. F’dan il-kuntest hija relevanti wkoll il-konkluzjoni tal-esperti Psikjatri Perizjuri li sostnew li b’rizultat ta’ dak li sehh f’dawk il-jiem ta’ interrogazzjoni l-istess rikorrenti gie kostrett jiffirma dikjarazzjoni li kawza taghha inhadu passi kriminali kontra tieghu u li sadanittant baqa’ jinzamm il-habs, u fuq kollox wassal sabiex l-istess rikorrenti beda jsofri minn *Post Traumatic Stress Disorder* li huma hija fi stat kroniku.

“Illi dan huwa konkonfermat meta xehed in eskussjoni l-espert addizzjonali Dr. David Cassar meta ghamel distinzjoni bejn zewg fazijiet fil-hajja tar-rikorrenti li huma relevanti ghall-kaz odjern u cioe` l-ewwel (1) fazi qabel l-incident fejn Mifsud kien qed ighix hajtu *“…kien ghamel iz-zminijiet tieghu ta’ tfulija u taz-zghozija tieghu bit-trobbija tieghu kif kienet, imbaghad pero` wara dak, is-sur Mifsud kien aggustat sew, kien imur ix-xoghol, kien relaxed f’hajtu, kellu hbiberiji, kien johrog, kien issetiljat fuq ix-xoghol, kien kuntent fuq ix-xoghol”* u t-tieni (2) fazi

meta *“imbaghad il-fazi fejn gie arrestat, interrogat, u consequentially – ghax dawk parti mill-istess, m’ghaddewx tlett xhur bejn darba u ohra – imma fl-istess fazi imbaghad iddahhal il-habs u baqa’ il-habs; u dawk ahna nharsu lejhom bhala fazi wahda. Ma nistghux niddistingwu bejn tlett ijiem jew erbat ijiem ta’ interrogazzjoni u wara l-interrogazzjoni jittiehed il-habs u mbaghad iz-zmien li ghamel il-habs, ghax kienu fazi wahda parti mill-istess….mill-istess process”.*

“Illi dwar dan hemm ovvjament il-konkordja ta’ Dr. Peter Muscat xehed li *“…ma kienx hemm stadju li tista’ tghid wiehed totalment separat minn iehor. Dan kien process wiehed illi sab ruhu fih, illi baqa’ jikber u jihrax. Beda mill-gurnata li gie arrestat, ittiehed id-depot, (jew fejn ittiehed), imbaghad mar il-habs…jigifieri l-istorja baqghet tikber u ghaz-zmien kollu li huwa ghamel il-habs, jigifieri dika kienet (kif spjega Dr. Cassar) biex nghid hekk, one process, process wiehed illi beda mill-gurnata li kien gie arrestat sakemm hu nheles”.*

“Illi ghalhekk huwa ppruvat li t-trawma ta’ Mifsud bdiet mill-bidu nett u cioe` meta gie arrestat, mizmum arrestat illegalment ghal madwar mitt siegha u trattat b’mod inuman u degredanti partikolarment mill-intimati Psaila u Bonello u certament huwa doveruz ghal din il-Qorti li tikkundanna l-agir brutali u bla hniena tal-ufficjali tal-Pulizija f’dan il-kaz u dan iktar u iktar meta bhala membri tal-korp tal-pulizia huma ghandhom il-funzjoni fis-socjeta` taghna li jinforzaw il-ligi u jaraw li tigi rispettata mic-cittadini. Minflok ghamlu dan huma aggixew b’mod abbuziv u vjolaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem protteti fil-Kostituzzjoni bil-mod deksritt kif fuq kollox huma ikkonducew l-interrogatorji.

“Illi l-fatt li jidher li l-istess intimati kellhom pressjoni qawwija sabiex il-kaz tal-harba jissolva u riedu jsibu kemm jista’ jkun malajr lill-hati ma kellhu jwassal qatt sabiex xi persuna tigi tratattata bil-mod kif gie trattat ir-rikorrenti bl-iskop li bil-biza’ igaghlu lil Mifsud jammetti ghall-atti li ma kienx ghamel u fil-fatt minkejja l-istess stqarrijiet huwa ma nstabx hati mill-Qorti Kriminali. Ghalhekk l-istess intimati

huma wkoll u fuq kollox responsabbli skond il-ligi ghall-ksur tal-istess drittijiet fundamentali tal-bniedem.

"**(F) LIKWIDAZZJONI TA' KUMPENS.**

"Illi fin-nota tieghu tat-2 ta' Mejju 2007 u f'dik tal-21 ta' Gunju 2007 ir-rikorrent jippretendi s-somma ta' hames mitt elf Lira Maltin (Lm500,000) u dan bhala kumpens ta' Lm10,000 fis-sena multiplikat ghal hamsin sena. Huwa ndika l-*workings* ta' kif wasal ghal dan l-ammont fin-nota tieghu tal-21 ta' Gunju 2007 (a fol. 989 tal-process).

"Illi originarjament fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu pprezentata fil-25 ta' Lulju 2003 huwa kien issottometta li kien qed jippretendi s-somma ta' mija u hamsin elf Lira Maltin (Lm150,000).

"Illi meta gara dan il-kaz ir-rikorrent kellu erbgha u ghoxrin (24) sena u kien membru fil-korp tad-Dejma u kien qed iservi bhala gwardjan fil-habs ta' kordin bhala membru fil-korp tal-Pulizija u dwar l-istess danni sofferti jinghad li skond il-periti addizzjonali sostnew li l-istess rikorrenti kawza ta' l-agir tal-intimati kif fuq indikat kien qed ibati minn *post traumatic stress disorder* u stmaw li ghandu dizabilita` ta' erbghin fil-mija (40%). Huma ghamluha cara li din id-dizabilita` hija indipendenti mill-fatt li r-rikorrent ghandu I.Q. baxx. Sinifikanti dak li ntqal minn Dr. Peter Muscat (a fol. 982 tal-process) *"…t-trawma li ghadda minnu waslet ghall-kundizzjoni ta' post traumatic stress disorder li hija kundizzjoni pjuttost jigifieri tiehu fit-tul u tibdel il-hajja ta' l-individwu; ghalhekk huwa ma setax jirritorna ghall-hajja li kellu…..jigifieri mhux biss il-hajja, ic-cirkostanzi ta' hajtu, pero` hu mentalment tfarrak".*

"Illi tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li r-rikorrenti kellu paga fil-1981 ta' €2,72.54 (Lm117) mensilment ekwivalenti ghall-€2,370.44 (Lm1,404) fis-sena u jekk wiehed japplika l-moltiplicand dan ghandu jtella' s-somma ghal cirka somma ta' €8,152.81 (Lm3,500) llum u applikat *multiplier* ta' 37 sena (bla ebda tnaqqis ghal *lump sum payment)* dan iwassal ghas-segwenti somma:-

"€8,152.81 x 37 x 40% = €120,661.54
"(Lm3,500 x 37 x 40% = Lm51,800)

"Illi ghal dak li huwa kumpens dovut f'kawza kostituzzjonali dan kollu ssir referenza ghas-sentenza **"John Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et"** fejn inghad li din il-Qorti ghandha d-dover li tipprovdi rimedju xieraq u adegwat *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Rimedju li f'kaz wara l-iehor f'cirkustanzi analogi, din il-Qorti dejjem sabitu fil-kundanna ghall-hlas ta' ammont ta' flus intiza biex tikkumpensa ghad-danni morali u fizici inflitti bhala konsegwenza tal-lezjoni tal-jedd fondamentali li jmorru lil hinn minn kull konsiderazzjoni tal-likwidazzjoni ta' danni veri u proprji fit-termini tal-Kodici Civili, f'dan il-kaz naxxenti *ex delictum*.

"Illi fil-kawza **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija** (Volume LXXVIII.i.32) inghad li:-

*""L-Artikolu 46 introduca sanzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-maggoranza tal-Kostituzzjonijiet ta' qabel it-Tieni Gwerra mondjali kienet nieqsa u dawk il-vjolazzjonijiet, meta kienu jirrikorru, kienu joffendu d-dritt doppjament ghaliex proprju ma kienx hemm rimedju guridiku effettiv ghalihom kontra l-principju primarju u fondamentali tal-gustizzja li titlob il-kontropass. Ghal vjolazzjoni passati, kif inhuma dawk "de quo agimur" huwa manifest li fil-maggoranza kbira tal-kazijiet l-uniku rimedju, l-unika sanzjoni hija l-kundanna ghall-hlas ta' kumpens f'forma pekunjarja." F'dik l-istess kawza l-ewwel Qorti kienet hekk osservat :- "Meta l-ksur ikun attwali jew futur, ir-rimedju mhux necessarjament ikun finanzjarju. Anzi jkun iktar fl-interess ta' dik il-persuna li tkun ressqet l-ilment li tali rimedju jkun immedjat u effettiv sabiex il-ksur ta' dak id-dritt fondamentali jigi mxejjen jew evitat izda f'kaz ta' "vjolazzjoni passata" l-uniku rimedju jikkonsisti fil-hlas ta' kumpens finanzjarju." (Ara wkoll fost ohrajn "Vincent Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et", Volum 77.i.270, u "John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija", Volum 77.i.14, kif ukoll "Dr. GM Camilleri nomine vs Ministru tat-Turizmu", Volum 75.i.296).*

"Din il-Qorti dejjem qieset illi r-rimedju finanzjarju fejn applikabbli fil-kaz ta' lezjoni tal-jeddijiet fondamentali mhux biss ma kellux ikun ekwiparat mad-danni attwali subiti mill-vittma imma kellu jkun jirrifletti l-gravita` tal-lezjoni u tal-oltragg fiziku u morali li jkun gie kawzat lill-persuna tal-individwu. Kellu wkoll jirrispondi ghas-sens ta' disturb socjali li kull vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali, anke jekk naturalment fi gradi differenti skond il-kaz, kien necessarjament jipprovoka u f'dan is-sens il-kumpens likwidat *arbitrio boni viri* mill-Qorti kellu wkoll iservi ta' deterrent u piena ghal min jikkometti l-vjolazzjoni u sodisfazzjon gust ghall-vittma".

"Illi m'hemmx ghalfejn jinghad li l-Kostituzzjoni fl-Artikolu 46 ma kienet timponi l-ebda limitazzjoni fuq ix-xorta ta' rimedju xieraq u adegwat li l-Qorti setghet takkorda sabiex twettaq jew tizgura t-twettieq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33-45 tal-istess Kostituzzjoni. Thalli r-rimedju ghal kollox f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti u thalli l-apprezzament ta' x'kien xieraq u adegwat fis-sens ta' gustizzja u ekwita` tal-gudizzju taghha.

"Illi tenut kont ta' dak kollu li ghadda minnu Anthony Mifsud kemm fil-granet li kien mizmum arrestat id-Depot, waqt l-interrogatorji, ghaz-zmien li dam il-habs cioe` tlett snin biex wara gie liberat minn kull akkuza u tenut ukoll kont ta' dak li ghadda minnu l-istess rikorrenti kawza tal-istess esperjenza din il-Qorti, inkluz id-danni attwalment sofferti minnu, l-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens xieraq ghad-danni sofferti minnu nkluzi dawk morali u attwali qed jigu ffissati *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€186,349.87) ekwivalenti ghall-tmenin elf Lira Maltija (Lm80,000) li ghandhom jithallsu lilu mill-intimati *in solidum* bejniethom."

## II <u>L-Appell</u>

9. Rat li l-partijiet kollha, <u>minbarra l-Kummissarju tal-Pulizija</u>, appellaw minn din is-sentenza.

10. Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent Anthony Mifsud li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"……tilqa' dan l-appell u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat illi gew lezi d-dritt tieghu ghal-liberta` u sigurta` personali kif ukoll id-dritt tieghu ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degredanti u li hu gie ttorturat bl-iskop li jikkonfessa meta kien innocenti, u tbiddel l-ammont li gie likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti ghal ammont ferm aktar gholi, u cioe` hames mitt elf Lira (Lm500,000), b'dan li l-kundanna tkun *in solidum* bejniethom, biex tirrifletti sewwa l-gravita` tat-tortura sofferta, il-konsegwenzi permanenti taghha u l-vjolazzjonijiet l-ohra subiti, tenut kont illi kieku r-rikorrent kompla bil-hajja lavorattiva tieghu minghajr ma gie arrestat u ttorturat fl-1982, huwa sal-lum kien ikollu dhul finanzjarju ta' aktar minn Lm80,000 jew €186,349.87. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati."

11. Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Dr. Lawrence Pullicino li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"……joghgobha tirrevoka fir-rigward tieghu, is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi tat-30 ta' Ottubru 2008 bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu billi tiddikjara illi l-appellant Dr. Lawrence Pullicino ma huwiex responsabbli talli ivvjola d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent Anthony Mifsud, u konsegwentement tilliberah milli jhallas kwalsiasi danni jew kumpens lir-rikorrent."

12. Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Carmelo Bonello li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka fir-rigward tieghu s-sentenza appellata, u fin-nuqqas ta' dan, talab li din il-Qorti:

"……joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija (a) billi thassar id-dikjarazzjoni maghmula minnha li l-esponent appellant ivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrent appellat

*ai termini* tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u (b) billi telimina il-*lump-sum payment* ta' Lm51,800 f'risarciment tad-danni civili, konsistenti f'telf ta' paga ghar-rikorrent appellat, ghal perjodu ta' 37 sena; u (c) tissostitwixxi b'ammont ragjonevolment hafna izghar mill-ammont akkordat ta' Lm80,000, il-kumpens xieraq u adegwat *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u (d) thassar fir-rigward tal-esponent appellant il-kundanna ghall-hlas lir-rikorrent appellat tal-ammont ta' kumpens li jigi ffissat, u tal-ispejjez gudizzjarji kollha."

13. Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Joseph Psaila li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:
"……joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2008 mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-esponenti u kkundannatu jhallas l-ammont minnha likwidat in solidum mal-intimati l-ohra, u dan billi tilqa' l-istess eccezzjonijiet minnu sollevati u tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti appellat in kwantu diretti fil-konfront tieghu. Bl-ispejjez."

14. Rat ir-risposta tal-appell ta' Dr. Lawrence Pullicino ghar-rikors tal-appell ta' Anthony Mifsud fejn, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex din il-Qorti tissoprasjedi milli tisma' l-appell ta' Anthony Mifsud qabel ma jigi deciz dak istitwit minnu "biex jigu accertati d-drittijiet reciproci tal-partijiet fil-kawza";

15. Rat ukoll ir-risposta tal-intimat Joseph Psaila ghar-rikors tal-appell ta' Dr. Lawrence Pullicino, li biha wiegeb dettaljatament ghall-aggravji mressqa mill-istess appellant.

## III <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

16. Illi din il-kawza titratta allegat tortura u trattament inuman u degredanti fuq ir-rikorrenti wara li gie arrestat fil-11 ta' Gunju 1982, fuq suspett li kien komplici fil-harba mill-habs civili ta' zewg prigunieri, Louis Bartolo u Ahmed Khalil Habib. Ir-rikorrent jallega wkoll li hu nzamm arrestat

mill-11 sal-15 ta' Gunju 1982, u dan b'mod arbitrarju u bi ksur tad-drittijiet tieghu. Ir-rikorrenti talab li l-intimati jigu dikjarati hatja ta' trattament inuman u degredanti bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u hatja ta' arrest jew detenzjoni arbitrarja bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, u tiffissa l-kumpens skond l-Artikolu 34(4) tal-istess Kostituzzjoni.

17. Wara li l-ewwel Qorti laqghet it-tezi tar-rikorrenti, ikkundannat lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' €186,349.87 bhala kumpens, apparti l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji.

18. Minn din is-sentenza appellaw l-partijiet kollha fil-kawza ad eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-attur talab ir-riforma tas-sentenza biex jinghata kumpens akbar (hu qed jitlob Lm500,000 li jgibu madwar €1,164,686), filwaqt li l-intimati l-ohra kollha, barra l-Kummissarju tal-Pulizija, qed jappellaw kontra s-sejba fil-konfront taghhom ta' responsabbilta`, u kontra l-mod kif gie likwidat il-kumpens.

19. Qabel ma jigu trattati l-aggravji tal-partijiet, iridu, fl-ewwel lok, jigu trattati zewg punti ta' natura preliminari li gew sollevati mill-intimati appellanti. Dawn il-kwistjonijiet jitrattaw il-punt (i) jekk kawza Kostituzzjonali tistax validament titressaq kontra individwi, u l-punt (ii) jekk ir-rikorrent ezawriex ir-rimedji ordinarji qabel ma istitwixxa din il-kawza.

**<u>Jekk inidividwu privat jistax ikun legittimu kontradittur f'kawza bhal din.</u>**

20. Trattat l-ewwel punt, l-intimati appellanti ssostnu li din il-kawza, ta' natura Kostituzzjonali, ma tistax tregi kontra taghhom personalment izda se mai, biss fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala rapprezentant tal-Istat. Din il-Qorti tixtieq tirrileva fl-ewwel lok, li dan l-ilment da parti tal-intimati appellanti ma giex sollevat quddiem l-ewwel Qorti li, allura, la ddiskutiet u wisq anqas iddecidiet din il-kwistjoni. Dana ghaliex l-istess kwistjoni giet sollevata biss fir-rikors tal-appell tal-intimati. Ir-rikorrent fil-fatt

issottometta li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tistax tiddiskuti u tiddeciedi l-meritu ta' din il-kwistjoni, la darba ma kienitx giet sollevata quddiem l-ewwel Qorti. Kif qalet, pero`, il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza **Caruana v. Onor. Prim Ministru**, deciza fil-31 ta' Mejju 2006, l-eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna hija perentorja tal-gudizzju ghax jekk tintlaqa' l-gudizzju jaqa' u jispicca. *"Ghalhekk dik l-eccezzjoni tista' titqajjem ukoll f'kull stadju tal-process imqar fil-grad tal-Appell,"* (saret referenza minn dik il-Qorti ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Socjeta` Filarmanika 'La Stella' v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Lulju 1997).

21. Ghar-rigward il-meritu ta' din il-kwistjoni, hu veru li, skond id-duttrina l-aktar akkredita, huwa biss l-Istat, kif debitament rapprezentat, li jista' jkun intimat f'kawza fejn qed jigi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem taht il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Intqal, fil-fatt, fil-ktieb "European Human Rights: Taking a Case under the Convention" ta' <u>Luke Clements et</u> (Sweets Maxwell, 2 ediz. pagna 19) li
*"Only states are parties to the Convention and so only those states can commit violations. Complaints must therefore allege that a state which is a party to the Convention has failed to honour its obligations."*

Fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights ta' <u>Pieter Van Dejk et</u> (4 ediz 2006 pagna 31) jinghad li;

*"One can infer from the formulation of various provisions that they were not written with a view to relations between private parties."*

Intqal, pero`, aktar 'il quddiem (f'pagna 32) li;

*"Some have adopted the view that it may be inferred from the changing social circumstances and legal opinions that the purport of the Convention <u>is going to be</u> to secure a certain minimum guarantee for the individual as well as in his relations with other persons. It would seem that with*

*regard to the spirit of the Convention a good deal may be said for this view, although in the case of such a subsequent interpretation one must ask oneself whether one does not thus assign to the Convention an effect which may be unacceptable to (a number of) the Contracting States, and consequently is insufficiently supported by their implied mutual consent."*

22. Din il-Qorti ma tarax li, ghal fini ta' din il-kawza, hemm bzonn li tidhol f'din il-kwistjoni, li tikkoncerna l-imsemmija konvenzjoni, peress li r-rikorrent mhux qed jitlob ridress taht il-Konvenzjoni Ewropeja, izda biss <u>taht il-Kostituzzjoni ta' Malta</u>. Dan qed jinghad ghax fil-kawza **Buttigieg v. Mizzi noe** deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru 1989, intqal li, filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-Konvenzjoni Ewropeja, id-drittijiet hemm protetti jistghu jigu biss esperiti kontra l-Istat, mhux l-istess jista' jinghad f'kaz ta' allegat ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-Qorti, f'dik il-kawza, ghamlet studju approfondit tal-materja, u qalet li fid-dawl tad-duttrina fil-kuntest ta' kostituzzjonijiet simili, ma jistax jigi eskluz <u>a priori</u>, li l-Istat qieghed jaghti il-protezzjoni indikata mhux biss meta dritt fundamentali jigi vjolat mill-Istat, *"izda anke fejn jista' jigi vvjolat minn individwu li, ghalhekk ghandha tinghata azzjoni ghall-protezzjoni ta' dritt fundamentali mhux biss meta dak id-dritt fundamentali ikun qed jigi vvjolat mill-Istat izda anke minn individwu, fejn il-kliem tal-Kostituzzjoni jidher li jistghu jigu hekk ivvjolati."*

Din il-Qorti, fil-fatt, osservat li kollox jiddependi mit-termini uzati mill-Kostituzzjoni; is-soluzzjoni tal-kwistjoni wiehed ghandu jsibha fil-kliem uzati mill-istess Kostituzzjoni meta kkontemplat seriatim id-diversi drittijiet fundamentali.

23. Fil-kuntest ta' allegat ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti fl-imsemmija kawza qalet car u tond li individwu jista' jinstab responsabbli ta' trattament inuman u degredanti. Intqal hekk fir-rigward:

*"Ir-rikorrent appellat qieghed fit-tieni lok jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni billi jippretendi li qed jigi assoggettat ghal trattament degredanti. L-artikolu*

*in kwistjoni jiddisponi li hadd m'ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degredanti;*

*Dawn il-kliem huma generici hafna u l-Qorti ma tarax li hija tista' tillimitahom ghal trattament degredanti da parti ta' l-Istat biss izda jistghu japplikaw ukoll ghal trattament degredanti da parti ta' persuna. Fil-fehma tal-Qorti, huwa probabbli li ghalkemm fil-maggor parti tal-kazijiet, jekk ikun hemm trattament degredanti, dan ikun da parti ta' l-Istat, eppure ma jistax jigi eskluz li jkun hemm trattament degredanti da parti ta' persuna, sija fizika kif ukoll morali, u ghalhekk il-Qorti tirritjeni li s-sottomissjoni ta' l-intimat appellant nomine fejn tirrigwarda l-azzjoni in kwantu bbazata fuq l-Artikolu 36 mhiex fondata."*

F'sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' April 1991, fl-istess kawza kompla jinghad li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, anke f'kaz ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni minn persuna fizika jew morali, ghandu applikazzjoni mmedjata minghajr il-bzonn ta' xi ligi ohra.

24. Ghall-istess konkluzjoni waslet din il-Qorti fil-kawza **Buttigieg v. Ministru ghall-Izvillup tal-Infrastruttura et**, deciza fil-31 ta' Lulju 1996, fejn intqal, fil-kuntest tal-allegat trattament inuman u degredanti, diskriminazzjoni politika u cahda mid-dritt ta' assocjazzjoni, li persuni individwali f'awtorita` jistghu jkunu hatja ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' persuna, u bhala tali, jistghu jkunu intimati f'kawza bazata fuq allegat ksur ta' dawn id-drittijiet. Din il-Qorti kompliet tosserva li dan ma jfissirx li l-Istat ikun hieles mir-responsabbilta` u lanqas li l-persuna kkoncernata m'ghandiex ukoll rimedju ordinarju ghall-allegat hsara li tkun garrbet.

25. Dan l-istess punt, u kwazi kwazi l-istess argumenti, gew diskussi minn din il-Qorti fil-kawza **Vella et. v. Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fis-6 ta' Awwissu 2001 li saret ukoll fil-konfront tal-persuni li fizikament ipperpetraw it-trattament inuman allegat. Din il-Qorti regghet ezaminat il-punt u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti, l-appellanti ttantaw jifthu mill-gdid il-kwistjoni perenni dwar min kien azzjonabli f'rikorsi kostituzzjonali ghal ridress ghall-vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali. L-appellanti jissottomettu illi, hlief fil-kaz ta' arrest jew detenzjoni arbitrarja protett bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, ma setghetx tigi promossa l-istanza kostituzzjonali ta' din ix-xorta kontra individwu privat u kien l-Istat li kellu dejjem u f'kull kaz jirrispondi ghall-ilment u li kellu jassumi r-responsabbilta` ghall-agir tal-ufficjali tieghu. Fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti mhux biss sabet lill-ufficjali responsabbli imma wkoll lill-Korp tal-Pulizija. Kien jehtieg allura illi jinstab in-ness guridiku li kien jghabbi lill-ufficjal personalment bir-responsabbilta` ghal dak li ghalih l-Istat kien, min-natura tal-azzjoni, tenut li jirrispondi ghalih.*

*Jinghad qabel xejn illi r-riferenza ghas-subinciz 4 tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li jiddisponi li kull min ikun arrestat jew detenut illegalment <u>minn xi persuna ohra</u> jkollu dritt ghal kumpens ghalhekk <u>minn dik il-persuna</u> hi barra minn lokha in kwantu hu ovvju li dak is-subinciz hu espressament indikat biex jestendi r-rimedju kostituzzjonali fil-kaz ta' arrest u detenzjoni illegali kontra <u>kull persuna</u> ohra irrispettivament minn jekk hi tkunx qed tokkupa kariga pubblika jew le. Hija fil-verita` disposizzjoni eccezzjonali illi tikkreja dritt ta' azzjoni diretta fil-kamp civili, allura privat, permezz ta' disposizzjoni fil-Kostituzzjoni li tirregola fuq kollox id-dritt pubbliku.*

*Fil-kaz taht ezami pero` ma hux kontestat illi l-appellanti huma ufficjali pubblici msejha biex jirrispondu ghall-agir taghhom fl-ezercizzju tal-funzjonijiet proprji taghhom. Is-sottomissjoni illi l-appellanti ma kellhomx locus standi f'din l-azzjoni ghaliex kien l-Istat u l-Istat biss li kellu jirrispondi u jaghmel tajjeb ghal kull eccess illi huma setghu kkommettew fil-qadi tad-dmirijiethom u li kien il-kawza tal-vjolazzjoni provata tal-jedd fondamentali tal-appellati, hi ghal kollox inaccettabbli, antiguridiku, li tmur kontra l-gurisprudenza kollha stabbilita minn dawn il-Qrati f'dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Gurisprudenza li anke jekk mhux dejjem konsistenti u linejari, qatt ma ddubitat illi l-funzjonarju li allegatament ikun responsabbli ghall-ksur*

*tal-jedd fundamentali kellu wkoll jirrispondi personalment ghal ghemilu anke jekk flimkien mal-Istat u solidalment mieghu. Dan ghax altrimenti jkun inikwu li jigi tenut responsabbli ghal-lezjoni kostituzzjonali l-Istat anonimu u impersonali li seta' jkun biss indirettament responsabbli ghall-akkadut in kwantu kien jimpjega l-ufficjali in kwistjoni waqt li dawn l-istess ufficjali li kienu certament il-persuni direttament involuti fl-akkadut u li kienu ddentifikati li kkomettew il-vjolazzjoni jigu skolpati minn kull responsabbilta` u addebitu.*

*Fil-kaz taht ezami non si tratta ta' azzjoni f'livell orizzontali bejn zewg individwi li tappartjeni direttament lill-kamp tad-dritt privat, kif jidher li qed jissuggerixxu l-appellanti fit-trattazzjoni taghhom. Ghall-kuntrarju l-azzjoni setghet tibqa titqies bhala li hi wahda vertikali fil-konfront tal-Istat in kwantu l-appellanti qeghdin jigu citati qua funzjonarji tieghu ghal ghemil kommess minhom fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghhom. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan l-aggravju tal-appellanti jikkonbacja wkoll mal-aggravju tal-Kummissarju tal-Pulizija fl-appell tieghu meta jsostni li hu ma setax jigi ritenut responsabbli ghal ghemil li ma kienx gie kommess minnu ghaliex "in-nozzjoni ta' responsabbilta` minghajr htija (strict liability) ma kienitx tifforma parti mill-ordinament guridiku Malti". Hu ovvju li kieku kellhom jigu accettati dawn iz-zewg sottomissjonijiet l-appellati jibqghu bla rimedju ghax hadd ma seta' jinstab responsabbli ghal-lezjoni tal-jeddijiet fundamentali minnhom sofferti.*

*Din il-Qorti tifhem illi una volta jigi accettat illi l-azzjoni dwar il-jeddijiet fundamentali kienet proprjament wahda tad-dritt pubbliku u konsegwentement il-legittimu kontradittur kellu fl-ewwel lok ikun l-Istat, hi konsegwenzjali l-assjoma illi l-provvedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali li jipprotegu l-jeddijiet fundamentali tal-individwu kienu diretti qabel xejn biex jipprovdu ridress kontra agressjoni da parti tal-Istat u mhux da parti ta' individwi privati. Anke hawn pero` dan il-principju kellu jigi mkejjel mal-principju l-iehor li l-Istat kellu mbaghad jipprovdi kopertura shiha lill-individwu kontra l-agir ta' individwu iehor ghal agir li kien jigi kwatifikat bhala*

*lezjoni tal-jedd fundamentali skond il-kostituzzjoni u skond il-konvenzjoni. Dan ifisser li fejn tali kopertura tigi nieqsa, kemm l-Istat kif ukoll l-individwu privat iehor kellhom ikunu tenuti jirrispondu ghal-lezjoni tal-jedd fundamentali – multo magis jekk dan kien ufficjal pubbliku – dan ghaliex fil-verita`, l-Kostituzzjoni mkien ma tezigi illi d-dritt ta' azzjoni kellu jkun dirett biss lejn l-Istat. Il-Kostituzzjoni tenuncja biss il-jeddijiet fundamentali bil-limitazzjonijiet taghhom. Tezigi li l-Qrati kompetenti jaghtu rimedju xieraq kull fejn tirrizulta l-lezjoni u rrispettivament minn min ikun responsabbli ghaliha u taghti access dirett ghall-Qorti lill-vitma tal-lezjoni biex jitlob u jezigi r-ridress. Dana fil-fehma ta' din il-Qorti rrispettivament mill-kawza u l-origini tal-lezjoni. Din il-konsiderazzjoni naturalment tiftah berah il-kwistjoni tejorika dwar min seta' jkun citat biex jirrispondi ghar-rikors dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali fid-dawl tad-dottrina Amerikana ta' "State Action" u dik tedeska sud-afrikana ta' "Drittwurkung" u kif dawn gew interpretati u applikati fil-gurisprudenza nostrana. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero`, mhux il-kaz illi tinoltra ruhha f'dibattitu dwar dan l-aspett tal-vertenza kif lilha suggerita taghmel mill-appellanti proprju ghaliex fil-fehma taghha l-fatt illi l-appellanti kollha kienu funzjonarji pubblici msejha biex jirrispondu ghall-agir fil-qadi tad-doveri ufficjali taghhom kien jelimina l-htiega ta' accertament dwar jekk dawn kellhomx jew le jigu mitluba jirrispondu ghall-agir taghhom. Dan l-appell qed jigi wkoll respint."*

Dan kollu jghodd ukoll ghal dan il-kaz u ghandu jwiegeb ghad-diversi sottomissjonijet tal-appellanti fir-rigward.

26. B'mod generali, tajjeb li ssir riferenza wkoll ghal dak li osservat din il-Qorti fil-kawza **Xuereb v. Registratur tal-Qrati et**, deciza fit-8 ta' Novembru 2004 fis-sens illi;

*"F'kawzi ta' natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. <u>L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi</u>. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-*

*ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja."* (Sottolinear ta' din il-Qorti)

27. Interessanti li f'artikolu ppubblikat fil-European Human Rights Law Review (2000 Vol. 5), intestat "The Problem of Horizontal Effect", miktub minn Thomas Raphael, li jittratta l-Human Rights Act 1998 tal-Ingilterra, l-awtur ikkonkluda l-istudju tieghu b'dan il-mod.

*"At Strasbourg, the Court can only protect the victim if the state can be considered to be responsible for failing to legislate or intervene in some other way. It cannot attempt to do anything more as only the state is before it. But in a horizontal case under the Act, a United Kingdom court will face a much more direct question: is it acting incompatibly with the victim's rights if it does not develop the law to punish the defendant, who has directly violated them? It is submitted the court should not, and may well not, answer this question on the basis that the victim's only rights are to enforce its duties to protection by the state. To do so would be to develop a distorted horizontal jurisdiction, in which case whether privacy or free speech is protected depends not on the fault of the violator but on the degree of involvment of the state. A more logical approach is to consider what, in each case, individuals' horizontal rights against each other demand, and then to shape private law accordingly".* (Sottolinear ta' din il-Qorti)

28. Dan l-approcc, il-Qorti taghna addottawh gia` mill-1989. Din il-Qorti tara li f'kazijiet hekk serji ta' tortura jew trattament inuman, ebda persuna f'kariga ufficjali, ma tista' tinheba wara l-Istat jew tecepixxi difiza ta' *"superior orders"*, u dak li jwettaq dan l-agir ghandu hu personalment iwiegeb anke f'kamp kostituzzjonali ghal ghemil tieghu. Huma l-persuni *"entrusted with a public form of authority"* li ghandhom jwiegbu ghall-oltragg li

huma wettqu lejn il-Kostituzzjoni, meta dan hu permess mill-kliem tal-istess Kostituzzjoni, u ghal dan l-oltragg ghandhom jerfghu r-responsabbilta` relattiva, inkluz dik tal-hlas tal-kumpens pekunjarju lill-vittma. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju ta' natura preliminari qieghed jigi respint.

**<u>Jekk ir-rikorrenti kellux jezawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ma beda dawn il-proceduri</u>**

29. Il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni punt preliminari sollevat mill-intimati appellanti, dak li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji. Kif ghadu kemm gie osservat, din il-Qorti, fil-kawza li ghada kemm saret riferenza ghaliha (**Buttigieg v. Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura et**), osservat li rimedju ordinarju ghad-danni ma jeskludix, f'kazi kongruwi, talba ghal rimedju kostituzzjonali. Fil-fatt, filwaqt li, fis-sistema taghna, il-qrati ordinarji ma jistghux jaghtu kumpens morali jew *for pain and suffering*, kumpens simili jista' jinghata minn din il-Qorti. Fil-kawza, **Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' April 1991, intqal li l-kumpens li ghandha taghti din il-Qorti ghandu jirrifletti l-gravita` tal-lezjoni u tal-oltragg fiziku u morali li jkun gie kawzat lill-persuna tal-individwu. Kompla jinghad f'din il-kawza li l-kumpens,

*"Kellu wkoll jirrispondi ghas-sens ta' disturb socjali li kull vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali, anke jekk naturalment fi gradi differenti skond il-kaz, kien necessarjament jipprovoka u f'dan is-sens il-kumpens likwidat arbitrio boni viri mill-Qorti kellu wkoll iservi ta' deterrent u piena ghal min jikkometti l-vjolazzjoni u sodisfazzjon gust ghall-vittma."*

Kwindi, ma jistax jinghad li l-ezistenza ta' rimedju ordinarju, f'dan il-kaz, jeskludi dak kostituzzjonali. Kif qalet din il-Qorti f'dik l-istess kawza,

*"Illi meta jinghad li jkun hemm <u>rimedju iehor xieraq</u>, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju*

*accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat."*

30. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza **Busuttil v. Avukat Generali**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, osservat *inter alia* hekk:
*"Meta jkun hemm rimedju alternattiv li jkun cert, xieraq, adegwat u effettiv, allura, per regola l-Qorti ghandha tiddeklina li tezercita` l-gurisdizzjoni taghha; ammenoche` ma jkunux jezistu cirkostanzi tali li minhabba l-gravita` taghhom jimmilitaw favur l-ezercizzju ta' dik il-gurisdizzjoni, bhal per ezempju, f'kaz fejn l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ikun wassal ghall-privazzjoni mil-liberta` tieghu."* (Sottolinear ta' din il-Qorti)

31. F'dan il-kaz, ir-rikorrent qed jallega trattament inuman u degredanti, kif ukoll arrest arbitrarju u kontra l-ligi, u ghalkemm jista' jinghad li, qabel beda l-odjerni proceduri seta' kellu xi forma ta' rimedju fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-istess rimedji odjerni li r-rikorrent seta' kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, ma kienux daqshekk accessibbli, xierqa u effettivi. Ghalhekk, din il-Qorti tikkondividi dak kollu rilevat dwar dan il-punt fis-sentenza appellata mill-ewwel Qorti u konsegwentement dan it-tieni aggravju ta' natura preliminari mqanqal mill-intimati appellanti qed jigi wkoll respint.

32. Din il-Qorti sejra issa titratta l-aggravji mressqa separatament mill-intimati appellanti, u dan apparti l-punti procedurali li kienu komuni ghat-tlett intimati appellanti u li gew trattati aktar qabel.

**<u>L-appell ta' Dr. Lawrence Pullicino</u>**

32. Meqjus l-ewwel l-appell ta' Dr. Lawrence Pullicino, dan isostni li hu m'ghandux jinstab responsabbli peress li, personalment ma kienx hu li sawwat lir-rikorrent u ma kienx jaf bis-swat li r-rikorrent allegatament garrab waqt li kien arrestat. Din il-Qorti tara li meta sehhew l-incidenti allegati mir-rikorrent, Dr. Pullicino kien il-Kummissarju tal-Pulizija u f'dik il-vesti kellu *"overall control and direction"*

ta' dak kollu li kien isir fil-kwartieri generali tal-Pulizija. Meta saret il-harba u gie arrestat ir-rikorrent, huwa kien msiefer, pero`, gie lura Malta fit-12 ta' Gunju u dahal lura ghax-xoghol fit-13 ta' Gunju 1982. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, dan ifisser li meta Dr. Pullicino dahal lura ghax-xoghol, ir-rikorrent kien diga` ilu jumejn arrestat. Hu kellu mill-ewwel jordna r-rilaxx effettiv mill-arrest tar-rikorrent, pero`, baqa' ma ghamel xejn u ppermetta li r-rikorrent jibqa' arrestat sal-15 ta' Gunju, bi ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

34. Ghar-rigward tat-trattament inuman u degredanti li r-rikorrent jallega li sofra f'idejn il-Pulizija tajjeb li jinghad li fit-termini tal-Artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu "il-kmand, id-direzzjoni, it-tmexxija u s-sovrintendenza tal-korp", li jfisser li hu obbligu tieghu jkun jaf x'inhu jigri fil-korp u jikkontrolla dak kollu li jsir. Ma jistax jiddefendi ruhu billi jghid li "ma kontx naf", ghax kien dmir tieghu li jkun jaf u jekk naqas li jinforma ruhu dwar dak li kien qed jigri taht ghajnejh, allura r-responsabbilta` tieghu hi aktar gravi. Kif a propositu ta' dan hija rilevanti l-istqarrija ta' l-intimat Joseph Psaila, li rrileva li dak iz-zmien ma kien isir xejn fil-Kwartieri Generali li l-Kummissarju ma kienx ikun jaf bih sa l-inqas dettal.

35. Hu veru li, meta beda l-episjodu tar-rikorrent, Dr. Pullicino kien imsiefer, pero`, meta irritorna lura, huwa certament verosimili li huwa gie infurmat b'dak kollu li kien qed jigri. Ma rrizultax li huwa ddissaccjocja ruhhu minn dak li kien qed jigri u lanqas ma rrizulta li ha passi immedjati biex tigi rimedjata s-sitwazzjoni. L-Assistant Kummissarju Anthony Mifsud Tommasi wera li meta gie lura Malta l-Kummissarju fit-12 ta' Gunju 1982, fil-5:00pm ta' dik l-istess gurnata kellu *conference* mal-istess Kummissarju, u mhux probabbli li waqt dak l-inkontru ma infurmahx x'kien qed jigri fil-konfront tar-rikorrent. Intqal ukoll mill-istess xhud li meta r-rikorrent ressaq rikors ta' *habeas corpus*, il-Kummissarju baghat lilu l-Qorti u qallu kif ghandu jiddefendi l-kaz. Altru mela li kien sajjem dwar dak li kien qed jigri. In civilibus il-Kummissarju tal-Pulizija hu responsabbli ghall-agir tas-subalterni tieghu (ara **Grech v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Qorti tal-

Appell fl-1 ta' Marzu 1988), u meta l-kaz ikun hekk serju li jinvolvi swat u trattament degredanti, ma tistax tonqos ir-responsabbilta` personali tieghu, ghax ebda ufficjal, m'ghandu jithalla jistahba wara l-uniformi jew kariga li ghandu meta si tratta ta' abbuzi serji da parti tas-subalterni tieghu li hu jkollu d-dmir li jwaqqaf.

36. Dr. Pullicino jallega wkoll li, f'kull kaz, hu jista' jitqies hati biss ta' ommissjoni, u din ma tistax tikkostitwixxi vjolazzjoni taht id-disposizzjonijiet kostituzzjonali. Din il-Qorti ma taqbilx. Li ma tarax dak li qed isir taht ghajnejk jitqies, fil-kaz tieghu, *"a positive act of the will"*, ghax kif inghad hu kellu obbligu mhux biss li jkun jaf x'qed isir mill-membri tal-korp li jikkopeggja, izda wkoll li jwaqqaf kull ksur tal-ligi specjalment meta si tratta tad-drittijiet fundamentali ta' kull persuna li tkun involuta f'xi stharrig tal-Pulizija, u ghal dan in-nuqqas huwa ghandu jwiegeb.

37. Inoltre, kif intqal fil-ktieb ta' Pieter Van Dijk et aktar qabel imsemmi (ibid. pagna 416)

*"Both the Commission and the Court have left no doubt about the fact that Article 3 does not refer to the infliction of physical but also of mental suffering. The Commission defined the latter as covering the infliction of mental suffering by creating a state of anguish and stress by means other than bodily assault. Even torture does not necessarily require a 'physical act or condition'".*

Meta dak li jkun jokkupa posizzjoni ta' awtorita`, u jaf jew messu kien jaf li hemm persuna taht ir-responsabbilta` tieghu li qed isofri trattament mhux xieraq, u ma jaghmel xejn biex iwaqqaf dak it-trattament u biex jiehu l-passi neccessarji kontra min ikun wettaq dak it-trattament, huwa jsir komplici ma' dan ta' l-ahhar. Inoltre hu jkun qed jikkontribwixxi zgur ghal *mental suffering* tal-vittma u kwindi jkun responsabbli wkoll ghal ksur tad-drittijiet fundamentali lamentat.

38. Hi disposizzjoni espressa tal-ligi taht il-Kodici Civili illi jitqies fi htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032(1)]. Hu spjegat mill-awturi illi *"negligenza, infatti,*

*altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenze."* Ara Alpa *"La responsabilita` civile", Trattato di diritto civile, Milano 1999 p261 u* Franzoni *"Le obbligazioni da fatto illecito",* Ed. Utet, 2004 p42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [Artikolu 1032(1) predett] id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif jinsab ritenut, *"quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto."* (**Azzopardi v. Arcicovich et**, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1919.)

39. Kwindi l-aggravji kollha mressqa minn Dr. Lawrence Pullicino qed jigu michuda f'dan l-istadju, ghajr l-aggravji tieghu relatati mal-mod kif l-ewwel Qorti illikwidat il-kumpens u pprovdiet ghall-hlas tal-istess li se jigu trattati aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

**L-appelli tal-intimati Bonello u Psaila**

40. Trattati issa l-aggravji partikolari tal-intimati Bonello u Psaila, fil-kuntest tal-aggravju tar-rikorrent taht l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, huma jallegaw li ma kienx obbligu taghhom li jressqu persuna sospetta b'reat il-Qorti wara 48 siegha, izda tas-superjur taghhom, cioe`, il-Kummissarju tal-Pulizija. Fuq din il-kwistjoni, din il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok, li kif jiddisponi s-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, kull min ikun arrestat jew detenut illegalment "minn xi persuna ohra", jkollu dritt ghal kumpens ghalhekk "minn dik il-persuna." F'dan il-kaz jirrizulta li kienu dawn iz-zewg ufficjali li kienu qed imexxu

l-investigazzjoni, u kwindi kienu huma li kienu qed izommu lir-rikorrent detenut illegalment.

41. Fit-tieni lok, trattandosi ta’ korp ta’ pulizija, din il-Qorti ma taqbilx li, rinfaccjat bi ksur lampanti tad-drittijiet ta’ persuna li jkun fil-kustodja tal-pulizija, ufficcjal ta’ certu *ranking* jista’ sempliciment ihares band’ohra u jghid li l-materja mhux responsabbilta` tieghu. Dawn kienu jafu li r-rikorrent kien arrestat ghal aktar minn 48 siegha (fatt ippruvat f’dan il-kaz) u kellhom id-dmir jaghmlu l-posizzjoni taghhom fir-rigward cara. La darba huma kienu assenjati ghall-kaz, kellhom jaraw li kollox jimxi b’rispett ghad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, u fejn jaraw li hemm xi ksur, jintervjenu u b’att posittiv, jiddissoccjaw ruhhom minn dak li kien qed isir. Dana sal-punt li jekk ikun jidher car li m’humiex sejrin jithallew jaqdu d-doveri kostituzzjonali taghhom sewwa, huma m’ghandhomx jiddarsu milli jadoperaw l-ahhar arma onorevoli li jkun baqghalhom u cioe` dik li joffru r-rizenja taghhom mill-korp. Li thalli s-sitwazzjoni taggrava bl-iskuza ta’ *superior orders* jew b’nuqqas ta’ tali ordni f’waqtha, huwa kundannabbli, kwazi kwazi daqs li kieku kien hu stess responsabbli ta’ dak li kien qed jigri. Id-drittijiet fundamentali tal-bniedem protetti, partikolarment, bl-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, huma ta’ importanza vitali ghal kull persuna, inkluzi membri ta’ forzi ta’ dixxiplina u hadd m’ghandu jaghlaq ghajnejh qisu ma hu qed jigri xejn f’kaz li jkun qed isehh ksur taghhom.

42. Din il-Qorti tirrafferma dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fil-5 ta’ April 1991, fis-sens li fit-termini tal-Artikolu 365 tal-Kodici Kriminali, il-perjodu hemm stabbilit, bhala principju generali, m’ghandu <u>qatt</u> jigi skorrut jew imtawwal, u tqis li dan id-dritt – li persuna arrestata <u>titressaq</u> quddiem Qorti wara 48 siegha – huwa principju li japplika ghal persuni kollha li jkunu taht il-gurisdizzjoni ta’ pajjizna.

43. Ghar-rigward tat-trattament inuman u degredanti, dawn iz-zewg intimati jitfghu dubju fuq dak li verament sehh mar-rikorrenti, u f’kull kaz fuq l-involviment taghhom.

44. Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament il-provi prodotti, m'ghandiex dubju, kif ma kelliex lanqas l-ewwel Qorti, li r-rikorrent kien soggett ghal trattament inuman u degredanti f'dawk l-erbat ijiem li nzamm taht il-kustodja tal-pulizija. L-ewwel Qorti ddeskriviet b'mod car kif ir-rikorrent gie trattat, kif bdew isawtuh u jaghtuh bil-ponn, u din il-Qorti wkoll ma tarax ghaliex m'ghandiex taghti affidabbilita` lir-rikorrent li xehed b'mod preciz dwar x'gara. Veru li dam hames snin qabel ma ressaq dawn il-proceduri u xehed, izda, fic-cirkostanzi, ma tarax li x-xhieda tieghu hija inverosimili jew m'ghandiex mis-sewwa. Ir-rikorrent iddentifika lill-intimati Bonello u Psaila bhala zewg ufficjali l-aktar li sawtuh. Hu veru li eventwalment, ir-rikorrent iffirma "minn jeddu" konfessjoni li kien ghin fil-harba taz-zewg prigunieri, pero`, dan wara li kien qala hafna swat u theddid. Hu veru wkoll li x-xhieda ta' John Hughes ma tidhirx li hi wisq attendibbli u mhux dejjem taqbel ma' dik tar-rikorrenti, pero`, kif inghad, din il-Qorti tara li x-xhieda tal-istess rikorrenti, anke jekk titqies mhux korraborata, hi ta' min joqghod fuqha.

45. Din il-Qorti tirrileva li kif osservat fil-kawza **Calleja v. Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza minnha fid-19 ta' Frar 2008, il-grad ta' prova rikjesta mhix dik ta' *proof beyond reasonable doubt*. Wara analizi tal-gurisprudenza in materja din il-Qorti osservat li,

*"taqbel li, bhala regola, l-uzu ta' l-espressjoni 'beyond reasonable doubt' ghall-finijiet ta' prova mhux biss fil-kuntest ta' kawza ta' indoli civili izda aktar u aktar meta si tratta ta' xi haga li spiss tkun avverat ruhha b'tali mod li jista' jkun qed isir minn kollox biex il-fatti jigu mistura – din il-Qorti taghmilha cara, sabiex ma tigix fraintiza, dan mhux il-kaz odjern, cioe` ta' Calleja – mhux desiderabbli. Il-prova li r-rikorrent appellat kien jehtieglu jaghmel f'dan il-kaz kienet biss dik sal-grad tal-probabbli. S'intendi, trattandosi ta' allegazzjoni serja, dan ifisser li l-Qorti trid tkun kawta qabel ma taccetta dak li jghid xhud bhala li hu minnu."*

Din il-Qorti mxiet fuq dan il-principju, u fid-dawl tal-gurisprudenza dwar x'jehtieg ghall-prova ta' trattament

inuman u degredanti (li ghaliha ghamlet riferenza kopjuza l-ewwel Qorti), tara li saret din il-prova f'dan il-kaz, u tqis li verament ir-rikorrent kien soggett ghal trattament inuman u degredanti u li l-intimati Bonello u Psaila kienu kompartecipi f'dan l-agir.

46. Din il-Qorti tifhem li z-zewg intimati msemmija mhux necessarjament wettqu l-istess tipi ta' atti fil-konfront tar-rikorrent, u jista' jkun li mhux dejjem kienu t-tnejn prezenti fl-istess hin ghall-interrogazzjoni tieghu. Hu car pero`, li t-tnejn, b'mod jew iehor, ippartecipaw f'dak li kien qed isehh (Bonello, per ezempju billi jpoggi *revolver* ma' ras ir-rikorrenti u jinsisti li jinghata taghrif dwar fejn jinsab Louis Bartolo, u Psaila billi jsawwtu b'nerf), u bejniethom ikkontribwew b'mod attiv u persistenti ghat-trattament li gie assoggettat ghalih ir-rikorrenti u dan bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

47. Ghar-rigward l-ilment dwar id-dewmien tar-rikorrent li jfittex rimedju, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ntqal minnha fil-kawza indikata fl-ismijiet **Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fis-6 ta' Awwissu 2001, fejn intqal hekk fil-kuntest ta' aggravju simili:

*"L-appellanti jaccennaw ghall-element tad-dewmien biex l-appellati ressqu l-ilment kostituzzjonali taghhom quddiem il-Qorti. Sottomissjoni din ukoll maghmula mill-Kummissarju tal-Pulizija. Hu korrett li din il-Qorti f'gudikati ohra accennat ghall-konsiderazzjoni illi l-fatt li persuna li tallega li tkun soffriet lezjoni tal-jedd fundamentali taghha u li fic-cirkostanzi normali, iddum milli tadixxi lill-Qorti kompetenti biex taghtiha ridress xieraq u adegwat seta' jirrifletti kemm fuq il-gravita` tal-lezjoni allegata kif ukoll fuq ix-xorta ta' rimedju indikat. Konsiderazzjoni din pero` li tapplika ghac-cirkostanzi ta' normalita` meta l-vittma setghet tirrikorri ghall-protezzjoni tal-organi gudizzjarji bla biza' ta' ritorzjoni. In oltre din il-konsiderazzjoni kienet tvarja fl-applikazzjoni taghha skond it-tip ta' vjolazzjoni. Kjarament mhux il-lezjonijiet kollha tad-diversi jeddijiet fundamentali kellhom l-istess effett fuq il-persuna tal-individwu. Min ikun gie assoggettat ghal trattament degredanti u inuman u min ikun ghadda minn esperjenza*

*ta' tortura ma jista' qatt jitqies li jippregudika d-dritt tieghu li jfittex ridress bis-semplici trapass taz-zmien. Iz-zmien seta' jfejjaq il-feriti. Ma kienx pero` jfejjaq il-lezjoni tal-jedd fundamentali."*

48. Ghal fini ta' dak li ssottometta Carmelo Bonello dwar li din l-azzjoni hi preskritta, din il-Qorti tirrileva li gia` gie deciz minn din il-Qorti (ara **Barbara et v. Onor. Prim Ministru**, deciza fis-7 ta' Ottubru 1997) li azzjonijiet kostituzzjonali bazati fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, m'huwiex soggetti ghal-preskrizzjoni. Kwindi, m'hemmx terminu li fih min ikun sofra ksur jew attentat ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu li jitlob mill-Qorti kompetenti ridress u hlas ta' kumpens morali. Kif intwera, talba ghad-danni materjali tibqa' soggetta ghal preskrizzjoni jew dekadenza hu regolat bir-regoli ordinarji appoziti. L-azzjoni kostituzzjonali mhix regolata bl-istess regim. Kwindi, dan l-aggravju mressaq mill-intimat Carmelo Bonello qed jigi michud.

**<u>Il-kumpens ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali</u>**

49. Ghar-rigward tal-ilment tal-partijiet appellanti kollha dwar il-*quantum* tal-kumpens, kif gia` intwera hemm zewg tipi ta' 'danni' li ghalih ir-rikorrent jista' jkun intitolat: dawk morali, ghall-oltragg li garrab bl-aggressjoni tal-intimati, u dawk civili jew materjali, ekwivalenti ghat-telf ta' qliegh futur rizultanti minn *loss of earning capacity*. Normalment, id-danni tal-ahhar tip jintalbu bhala rimedju ordinarju f'kawza quddiem il-qrati ordinarji. Dan ghaliex, kif jinghad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-2 ta' Novembru 2001:

"Il-principju kollu dejjem ikun illi l-kompetenza Kostituzzjonali u l-kompetenza Civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku."

Madanakollu, mhux eskluz li, fil-kazijiet kongruwi, persuna tkun tista' titlob iz-zewg tipi ta' danni minghand il-Qorti

f'Sede Kostituzzjonali, u dawn jistghu jinghataw minn din il-Qorti, jekk issir il-prova tat-telf (ara l-kumment ta' din il-Qorti fil-kawza **Fenech et v. Kummissarju tal-Artijiet** deciza fl-20 ta' Frar 2009). Fil-fatt, kif qalet din il-Qorti fil-kawza aktar qabel indikata, dik fl-ismijiet **Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et**, u deciza fl-1991,

*"meta l-oggett in kawza jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li ghandhom rimedju f'xi ligi ohra u ohrajn li m'ghandhomx rimedju hlief kostituzzjonali – allura ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni."*

50. Min-naha l-ohra, ghalkemm mhux eskluz, kif fuq inghad li wiehed jitlob danni civili u morali minn din il-Qorti, ma jistax jaghmel dan, cioe`, jitlob danni civili mill-Qorti Kostituzzjonali, meta dawn l-istess danni jkunu intalbu f'kawza civili; u ma jistax jiehu danni civili fil-kostituzzjonal, jekk ma jkunx intitolat ghalihom civilment. Fil-fatt ir-rikorrent, apparti dawn il-proceduri, ressaq kawza quddiem il-Qorti ordinarja (citazzjoni numru 405/87) kontra uhud mill-istess intimati odjerni fejn talab il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni li garrab minhabba l-mod kif gie trattat waqt l-arrest tieghu. Din il-kawza giet deciza kontra r-rikorrent, b'decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2008. Dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur wara li qieset lit-talba tieghu ghad-danni civili kienet tinsab preskritta a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-attur appella minn dik is-sentenza, u l-appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, pero`, jibqa' l-kaz li ghad-danni civili hemm proceduri pendenti u dawn id-danni ma jistghux jinghataw f'din il-kawza.

51. Jekk persuna titlob danni civili, dawn trid tkun intitolata ghalihom fil-kuntest tal-ligi civili, u jekk taht dak ir-regim, dik il-persuna tkun tilfet dak id-dritt (anke ghaliex halliet iz-zmien preskritt ghall-azzjoni jidekorri inutilment), ma tistax tirrikjama dawk id-danni minn din il-Qorti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et**, deciza fil-25 ta' Gunju 1999:

*"M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju*

*ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel."*

(ara wkoll il-kawza **Buttigieg v. HSBC Bank Malta Plc**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Ottubru 2006).

52. Ghalhekk, f'dan il-kaz, dak li jista' jinghata bhala kumpens lir-rikorrent huma danni morali ghall-oltragg li garrab bi ksur tal-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni bejn il-11 u l-15 ta' Gunju 1982, salv u impregudikati t-talba tieghu ghad-danni civili li hi l-meritu tal-kawza l-ohra istitwita mir-rikorrent (dik b'citazzjoni numru 405/87) pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrent jissottometti li hu ghandu dritt ghar-restituzzjoni in *integrum*, pero` fil-kaz odjern, ghar-ragunijiet kif moghtija, tali restituzzjoni tkun tmiss lilu biss jekk ikollu success fl-ezercizzju tar-rimedju ordinarju.

53. il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li l-kumpens li ghandu jinghata <u>minn din il-Qorti</u> ghandu jinhadem a bazi tal-*multiplier formula* li uzat l-ewwel Qorti u li soltu tintuza mill-qrati ordinarji ghad-determinazzjoni tad-danni civili. Dik il-formula tista' tkun adottata f'kaz li, fil-kawza l-ohra istitwita mir-rikorrent, il-Qorti tal-Appell tirrevoka s-sentenza li nghatat in prim istanza, u tiddeciedi li r-rikorrenti ghadu in tempo li jitlob danni civili jew materjali.

54. F'dawn il-proceduri, pero`, il-kumpens irid jigi iffissat *arbitrio boni viri* mehud kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll tal-kriterji li stabbiliet din il-Qorti fil-kawza **Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fl-1991 u li ghaliha saret referenza aktar qabel f'din is-sentenza. Mehud kont tal-fatturi kollha rilevanti, din il-Qorti tara li m'ghandhiex tilqa' l-appell tar-rikorrent izda ghandha tilqa' in parte l-aggravju tat-tlett intimati appellanti u tiffissa fil-konfront ta' dawn l-istess tlett intimati s-somma ta' €50,000 bhala kumpens ghad-disturb socjali u morali kif ukoll l-oltragg li sofra r-rikorrent f'dan il-kaz kif fuq spjegat.

55. Ghandu jigi enfasizzat illi billi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma appellax mis-sentenza tal-ewwel Qorti, dik l-istess sentenza, inkluz il-kumpens hemm likwidat ta' €186,349.87, ghaddiet in gudikat fil-konfront tal-istess Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk din l-ahhar imsemmija somma, bl-imghax legali kif imsemmi fl-istess sentenza hija esigibbli fil-konfront ta' l-istess Kummissarju tal-Pulizija.
56. L-imsemmi kumpens likwidat minn din il-Qorti fil-konfront tat-tlett intimati appellanti fis-somma imsemmija ta' €50,000 li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghandu jitqies li jifforma parti integrali mis-somma akbar likwidata mill-ewwel Qorti ta' €186,349.87 li, in kwantu ghall-eccess, hija kif fuq inghad unikament dovuta mill-Kummissarju tal-Pulizija.

57. Billi ma jistax jigi determinat bil-preciz min mill-intimati kkaguna liema bicca tal-hsara, sal-limitu ta' €50,000 l-erba' intimati huma kkundannati li jhallsu l-ahhar imsemmija somma in solidum bejniethom u dana ai termini tal-Artikolu 1050(1) tal-Kodici Civili.

58. Ghal fini biss tas-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu 1050 in kwantu jikkoncerna r-relazzjonijiet interni bejn dawn l-erba' intimati, fic-cirkostanzi tqassam is-somma imsemmija ta' €50,000 fuq kull wiehed minnhom b'dan il-mod: hamsin fil-mija minnha (50%) ghandha tithallas mill-Kummissarju tal-Pulizija in rapprezentanza tal-Istat (bhala l-organu li fuqu hu mixhut l-oneru principali li jara li tali ksur ta' drittijiet fundamentali ma jsirx fl-Istat demokratiku ta' Malta); ghoxrin fil-mija minnha (20%) ghandha tithallas minn Dr. Lawrence Pullicino, li kien Kummissarju tal-Pulizija fiz-zmien indikat (li kellu l-obbligu sekondarju li bhala bniedem f'posizzjoni ta' awtorita` u responsabbilta`, jara li l-istess ksur ta' drittijiet fundamentali ma jsirx fil-Korp kappeggjat minnu), u hmistax fil-mija minnha (15%) ghandha tithallas minn Carmelo Bonello u r-rimanenti 15% ghandha tithallas minn Joseph Psaila (li bhala ufficjali tal-Istat ma kellhomx jwettqu dak li ghamlu jew jaghttu ghajnejhom ghal dak li kien qed isehh). Dan it-tqassim qed issir bla hsara tal-jedd tar-rikorrenti illi jitlob il-hlas tas-somma kollha imsemmija ta' €50,000 minghand

kull min irid minnhom, li lejh l-erba’ intimati ilkoll qed jigu kkundannati in solidum.

59. Irrizulta li r-rikorrent Anthony Mifsud ippretenda u talab, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, kumpens u hlas pekunjarju ferm aktar gholi minn dak li verament kien jisthoqqlu skond il-ligi. Minhabba din ic-cirkostanza huwa sewwa u xieraq li huwa jbati parti mill-ispejjez gudizzjarji ta’ din il-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi:

i. Tichad l-appell tar-rikorrenti Anthony Mifsud – bl-ispejjez kontra tieghu;

ii. Tilqa’ biss in parte l-appell tal-intimati Carmelo Bonello, Joseph Psaila u Dr. Lawrence Pullicino u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-partijiet kollha taghha fejn sabet lill-istess tlett intimati appellanti responsabbli ghal-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Anthony Mifsud protetti bl-Artikoli 36 u 34 tal-Kostituzzjoni, izda thassarha u tirrevokaha in kwantu, ikkundannat dawn l-istess tlett intimati li jhallsu lir-rikorrenti ghall-istess ksur il-kumpens minnha likwidat fis-somma ta’ €186,349.87, u minflok tikkundanna lil dawn l-istess tlett intimati li jhallsu lir-rikorrenti f’dawn il-proceduri il-kumpens ghall-istess ksur fis-somma ta’ €50,000 (hamsin elf Euro). Din is-somma hija dovuta in solidum bejn l-istess tlett intimati, kif ukoll in solidum ma’ l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u tithallas lir-rikorrenti bl-imghax legali dekoribbli mil-lum sal-effettiv pagament.

A skans ta’ ekwivoci jigi dikjarat li l-ahhar imsemmija somma ta’ €50,000 hija kompriza u inkluza fil-kumpens aktar qabel imsemmi ta’ €186,349.87 (ara paragrafu 55 supra), u ghalhekk is-somma ta’ €50,000 ma hijiex addizzjonali ma’ l-ahhar imsemmija somma. Is-solidarjeta` bejn l-erba’ intimati ghall hlas tal-istess

somma testendi biss ghas-somma ta’ €50,000 u l-imghax relattiv kif fuq inghad.

iii. Rigward il-kap tal-ispejjez, tirrevoka s-sentenza appellata fejn din ordnat li l-ispejjez gudizzjarji kollha jithallsu mill-intimati solidalment bejniethom u minflok tordna;

a. kwantu ghall-ispejjez tal-ewwel istanza, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal 20% mir-rikorrenti Anthony Mifsud u r-rimanenti 80% mill-intimati solidalment bejniethom.

b. kwantu ghall-ispejjez ta’ dina l-istanza <u>li ma’ humiex diga` decizi</u>, dawn jithallsu kwantu ghall-20% mir-rikorrenti Anthony Mifsud u kwantu ghar-rimanenti 80% mit-tlett intimati appellati cioe` Carmelo Bonello, Joseph Psaila u Dr. Lawrence Pullicino, in solidum u bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------